**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 11**
**It-Tnejn, 30 ta' Mejju, 2022 fl-4:00 p.m.**

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA - SEGRETARJATI**

**37. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-lista sħiħa tas-Segretarjat tal-Ministru u tas-Segretarju Parlamentari li jaqa' taħtu? Kemm hemm ħaddiema (total) fis-Segretarjat? Jista' jippreżenta l-organigram bl-istruttura tal-istess Segretarjati? Jista' jindika kemm minn dawn il-ħaddiema huma: (a) f'positions of trust (b) persons of trust u (ċ) taċ-ċivil?

09/05/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Filwaqt li nirreferi lill-Onor. Interpellanta għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari numru 184, infurmat li fis-Segretarjat tal-Ministeru hemm 13-il ħaddiem bħala position of trust u 8 bħala persons of trust. Minn dawn 8 jinsabu fis-Segretarjat Parlamentari.

Seduta 11
30/05/2022

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU - SEGRETARJATI**

**38. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-lista sħiħa tas-Segretarjat tal-Ministru u tas-Segretarju Parlamentari li jaqa' taħtu? Kemm hemm ħaddiema (total) fis-Segretarjat? Jista' jippreżenta l-organigram bl-istruttura tal-istess Segretarjati? Jista' jindika kemm minn dawn il-ħaddiema huma: (a) f'positions of trust (b) persons of trust u (ċ) taċ-ċivil?

09/05/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Filwaqt li nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija 184, ninformaha li fis-Segretarjat tal-Ministeru hemm 7 ħaddiema bħala position of trust u 11 bħala persons of trust.

Seduta 11
30/05/2022

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U L-INTRAPRIŻA - SEGRETARJATI**

**39. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-lista sħiħa tas-Segretarjat tal-Ministru u tas-Segretarju Parlamentari li jaqa' taħtha? Kemm hemm ħaddiema (total) fis-Segretarjat? Tista' tippreżenta l-organigram bl-istruttura tal-istess Segretarjati? Tista' tindika kemm minn dawn il-ħaddiema huma: (a) f'positions of trust (b) persons of trust u (ċ) taċ-ċivil?

09/05/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Filwaqt li nirreferi lill-Onorevoli Interpellant għat-tweġiba li ngħatat għall-Mistoqsija Parlamentari 184, ninformaha li fis-Segretarjat tal-Ministeru hemm ħames ħaddiema bħala position of trust u erbatax bħala persons of trust.

Seduta 11
30/05/2022

**MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL - SEGRETARJATI**

**40. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-lista sħiħa tas-Segretarjat tal-Ministru u tas-Segretarju Parlamentari li jaqa' taħtu? Kemm hemm ħaddiema (total) fis-Segretarjat? Jista' jippreżenta l-organigram bl-istruttura tal-istess Segretarjati? Jista' jindika kemm minn dawn il-ħaddiema huma: (a) f'positions of trust (b) persons of trust u (ċ) taċ-ċivil?

09/05/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Filwaqt li nirreferi lill-Onor. Interpellanta għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari numru 184, ninformaha li fis-Segretarjat tal-Ministeru hemm 8 ħaddiema bħala position of trust u 7 bħala persons of trust, li minnhom persuna waħda hija fuq bażi part-time.

Seduta 11
30/05/2022

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - SEGRETARJATI**

**41. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-lista sħiħa tas-Segretarjat tal-Ministru u tas-Segretarju Parlamentari li jaqa' taħtu? Kemm hemm ħaddiema (total) fis-Segretarjat? Jista' jippreżenta l-organigram bl-istruttura tal-istess Segretarjati? Jista' jindika kemm minn dawn il-ħaddiema huma: (a) f'positions of trust (b) persons of trust u (ċ) taċ-ċivil?

09/05/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Filwaqt li nirreferi lill-Onor. Interpellanta għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari numru 184 (Leġiżlatura XIV), ninformaha li fis-Segretarjat tal-Ministeru hemm 11-il ħaddiem bħala position of trust u 9 bħala persons of trust. Fis-Segretarjat Parlamentari hemm persuna waħda li hi position of trust u 12-il persuna li huma persons of trust, li 4 minnhom huma fuq bażi part-time.

Seduta 11
30/05/2022

**MINISTERU GĦAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI U L-IPPJANAR - SEGRETARJATI**

**42. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-lista sħiħa tas-Segretarjat tal-Ministru u tas-Segretarju Parlamentari li jaqa' taħtu? Kemm hemm ħaddiema (total) fis-Segretarjat? Jista' jippreżenta l-organigram bl-istruttura tal-istess Segretarjati? Jista' jindika kemm minn dawn il-ħaddiema huma: (a) f'positions of trust (b) persons of trust u (ċ) taċ-ċivil?

09/05/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Filwaqt li nirreferi lill-Onor. Interpellanta għat-tweġiba li għall-mistoqsija parlamentari numru 184 (Leġiżlatura XIV), ninformaha li fis-Segretarjat tal-Ministeru hemm 3 ħaddiema bħala position of trust u 11 bħala persons of trust.

Seduta 11
30/05/2022

**MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA – KARIGI U POŻIZZJONIJIET**

**201. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jagħti lista tal-karigi u pożizzjonijiet kollha fi ħdan il-Ministeru għall-Ġustizzja inkluż ta' kull entità, dipartiment u awtorità li jaqgħu taħt ir-responsabbilità tiegħu u li fid-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari fihom hemm impjegati persuni fuq bażi ta' *person of trust* jew *position of trust*, u għal kull kariga/pożizzjoni jgħid kemm-il persuna hemm impjegata fuq din il-bażi fil-kariga u/jew pożizzjoni u x'inhu t-total tal-ispiża tal-pagi, fuq bażi annwali, fil-karigi u/jew pożizzjonijiet rispettivi?

10/05/2022

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninsab infurmat li l-lista ta' karigi/pożizzjonijiet ingaġġati fuq bażi ta' person of trust jew position of trust fis-segretarjat tal-Ministeru hi skont il-Manwal li kopja tiegħu diġà tpoġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 11
30/05/2022

**MINISTERU GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA – KARIGI U POŻIZZJONIJIET**

**202. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jagħti lista tal-karigi u pożizzjonijiet kollha fi ħdan il-Ministeru għall-Anzjanità Attiva inkluż ta' kull entità, dipartiment u awtorità li jaqgħu taħt ir-responsabbilità tiegħu u li fid-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari fihom hemm impjegati persuni fuq bażi ta' *person of trust* jew *position of trust*, u għal kull kariga/pożizzjoni jgħid kemm-il persuna hemm impjegata fuq din il-bażi fil-kariga u/jew pożizzjoni u x'inhu t-total tal-ispiża tal-pagi, fuq bażi annwali, fil-karigi u/jew pożizzjonijiet rispettivi?

10/05/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li l-lista ta' karigi/pożizzjonijiet ingaġġati fuq bażi ta' person of trust jew position of trust fis-segretarjat tal-Ministeru hi skont il-Manwal li kopja tiegħu diġà tpoġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra. Minn dawn 4 huma Positions of Trust u 9 Persons of Trust.

(*Korrezzjoni: Ara Dokument PL 401 li tpoġġa f'Seduta 19, tal-20 ta' Ġunju 2022)*

Seduta 11
30/05/2022

**KORP TAL-PULIZIJA – INTERNATIONAL RELATIONS UNIT – TALBIET GĦALL-ĦRUĠ- TA' INTERPOL NOTICE**

**212. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid sena b'sena, mis-sena 2013 sad-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm-il talba saret mill-International Relations Unit fi ħdan il-Korp tal-Pulizija bħala n-National Central Bureau (NCB) lill-Interpol għall-ħruġ ta' "Interpol Notice"? Jista' jgħid kemm minn dawn l-Interpol Notices kienu għall-ħruġ ta' "Red Notice", kemm kienu għall-ħruġ ta' "Yellow Notice", kemm kienu għall-ħruġ ta' "Blue Notice", kemm kienu għall-ħruġ ta' "Black Notice", kemm kienu għall-ħruġ ta' "Green Notice", kemm kienu għall-ħruġ ta' "Orange Notice", kemm kienu għall-ħruġ ta' "Purple Notice" u kemm kienu għall-ħruġ ta' "Interpol-UN Security Council Special Notice"?

11/05/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi in-numru ta' talbiet li saru min-National Central Bureau (NCB) tal-Interpol f'Malta għall-ħruġ ta' Interpol Notice kif deskritti mill-Onor. Interpellant, bejn is-sena 2013 u t-30 ta' April 2022, kien ta' mija u għoxrin (120). L-ammonti kienu kif jidher fit-tabella ta' hawn taħt.

| **Sena** | **Red Notice** | **Black Notice** | **Green Notice** | **Yellow Notice** | **Blue Notice** | **Orange Notice** | **Purple Notice** | **Int/UN Security Notice** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 2013 | 4 | 0 | 0 | 1 | 2 | 0 | 0 | 0 |
| 2014 | 0 | 0 | 0 | 4 | 1 | 0 | 0 | 0 |
| 2015 | 9 | 0 | 1 | 3 | 9 | 0 | 1 | 0 |
| 2016 | 9 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| 2017 | 13 | 1 | 0 | 1 | 5 | 0 | 0 | 0 |
| 2018 | 2 | 0 | 0 | 0 | 3 | 0 | 0 | 0 |
| 2019 | 0 | 0 | 0 | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| 2020 | 0 | 0 | 0 | 3 | 4 | 0 | 1 | 0 |
| 2021 | 7 | 0 | 4 | 0 | 5 | 0 | 1 | 0 |
| 2022 sa April | 7 | 0 | 0 | 3 | 1 | 0 | 0 | 0 |
| Total | 51 | 1 | 5 | 15 | 45 | 0 | 3 | 0 |

Seduta 11
30/05/2022

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR/AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR U DITTA TA' AVUKATI - FTEHIM**

**213. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja ta' kull ftehim li ġie ffirmat bejn l-Awtorità tal-Ippjanar u/jew l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u d-ditta ta' avukati li isimha qiegħed jingħata separatament mis-sena 2000 sad-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

11/05/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġibiet li ngħataw għall-mistoqsijiet 4627, 4628 tal-Leġiżlatura XII u 213, 313 u 4207 tal-Leġiżlatura XIII.

Seduta 11
30/05/2022

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR/AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR – ĦLASIJIET LIL DITTA TA' AVUKATI**

**214. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra rendikont sħiħ u dettaljat tal-ħlasijiet kollha li saru mill-Awtorità tal-Ippjanar u/jew l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar lid-ditta ta' avukati li isimha qiegħed jingħata separatament mis-sena 2000 sad-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

11/05/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba għall-mistoqsija numru 213.

Seduta 11
30/05/2022

**ASSISTENT KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA – PROĊEDURI TA' DIXXIPLINA**

**215. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid fiex waslu l-proċeduri ta' dixxiplina fil-konfront tal-Assistent Kummissarju tal-Pulizija, li d-dettalji dwaru qegħdin jingħataw separatment, dwar l-illegalitajiet abbużi u mġieba ħażina li wettaq matul iż-żmien li ilu jservi fil-Korp tal-Pulizija?

11/05/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi l-proċeduri ta' dixxiplina fil-konfront ta' l-Assistant Kummissarju li d-dettalji dwaru ngħataw separatament, għadhom pendenti.

Seduta 11
30/05/2022

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U L-INTRAPRIŻA - KONSULENTI**

**294. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm hemm persuni li ġew impjegati bħala konsulenti mal-Ministeru u/jew Segretarjati sal-14 ta' Mejju 2022, u kemm dawn jitħallsu?

16/05/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta 11
30/05/2022

**MINISTERU GĦALL-FINANZI - KONSULENTI**

**295. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li ġew impjegati bħala konsulenti mal-Ministeru u/jew Segretarjati sal-14 ta' Mejju 2022, u kemm dawn jitħallsu?

16/05/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onorevoli Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari numru 339.

Seduta 11
30/05/2022

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - KONSULENTI**

**296. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li ġew impjegati bħala konsulenti mal-Ministeru u/jew Segretarjati sal-14 ta' Mejju 2022, u kemm dawn jitħallsu?

16/05/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif mitlub għadu qed jinġabar.

Seduta 11
30/05/2022

**MINISTERU GĦAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI U L-IPPJANAR - KONSULENTI**

**297. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li ġew impjegati bħala konsulenti mal-Ministeru u/jew Segretarjati sal-14 ta' Mejju 2022, u kemm dawn jitħallsu?

16/05/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija numru 341.

Seduta 11
30/05/2022

**MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA - KONSULENTI**

**298. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li ġew impjegati bħala konsulenti mal-Ministeru u/jew Segretarjati sal-14 ta' Mejju 2022, u kemm dawn jitħallsu?

16/05/2022

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** L-informazzjoni mitluba ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 11
30/05/2022

**MINISTERU GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA - KONSULENTI**

**299. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li ġew impjegati bħala konsulenti mal-Ministeru u/jew Segretarjati sal-14 ta' Mejju 2022, u kemm dawn jitħallsu?

16/05/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nitlob lill-Onorevoli Interpellant biex tirreferi għall-Mistoqsija Parlamentari 343

Seduta 11
30/05/2022

**MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA - KONSULENZI**

**342. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jagħti rendikont tal-ammont ta' konsulenzi li tħallsu mill-Ministeru bejn l-2017 u l-2022? Lil min ingħataw u f'liema ammonti ngħataw? Jista' jgħid min huma l-konsulenti u b'liema proċess ġew maħtura konsulenti? Jista' jgħid ukoll x'tip ta' servizz taw u x'tip ta' kuntratti kienu?

17/05/2022

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** L-informazzjoni mitluba ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 11
30/05/2022

**MINISTERU GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA - KONSULENZI**

**343. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jagħti rendikont tal-ammont ta' konsulenzi li tħallsu mill-Ministeru bejn l-2017 u l-2022? Lil min ingħataw u f'liema ammonti ngħataw? Jista' jgħid min huma l-konsulenti u b'liema proċess ġew maħtura konsulenti? Jista' jgħid ukoll x'tip ta' servizz taw u x'tip ta' kuntratti kienu?

17/05/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li sad-data li qed tingħatha din l-informazzjoni ma ngħatat l-ebda konsulenza mill-Ministeru għall-Anzjanità Attiva.

Seduta 11
30/05/2022

**JOBSPLUS - FORMOLI TAT-TMIEM TAL-IMPJIEG SOTTOMESSI**

**344. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew sottomessi formoli tat-tmiem tal-impjieg lill-Jobsplus fix-xhur tas-sena 2021?

17/05/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ngħarraf lill-Onorevoli Interpellant li skont l-informazzjoni li għandha Jobsplus, hawn taħt issib tabella li turi n-numru ta' formoli tat-tmiem tal-impjieg li ġew sottomessi fix-xhur tas-sena 2021.

| **Xahar** | **Total ta' formoli** |
|---|---|
| Jannar | 9,594 |
| Frar | 7,350 |
| Marzu | 8,337 |
| April | 7,653 |
| Mejju | 8,511 |
| Ġunju | 8,505 |
| Lulju | 9,142 |
| Awwissu | 10,110 |
| Settembru | 10,550 |
| Ottubru | 12,078 |
| Novembru | 9,523 |
| Diċembru | 5,868 |
| **Total** | **107,221** |

Seduta 11
30/05/2022

**EMPLOYMENT LICENSES - TALBIET PENDENTI**

**345. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm talbiet pendenti għall-Employment Licenses mill-Jobsplus, u jaqsam l-informazzjoni skont in-nazzjonalità tal-applikant/a sal-jum li fih tiġi mwieġba din l-interpellanza?

17/05/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 11
30/05/2022

**PERSUNI 'L FUQ MINN 62 SENA LI GĦADHOM JAĦDMU**

**346. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni ta' 'l fuq minn 62 sena li kienu għadhom qed jaħdmu bħalapart-time jew full-timesal-aħħar ta' Diċembru 2021? Jista' jindika kemm hemm nisa u kemm hemm irġiel?

17/05/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li skont l-informazzjoni li għandha Jobsplus, in-numru ta' nisa u rġiel minn 62 sena 'l fuq li kienu għadhom qed jaħdmu sal-aħħar ta' Diċembru 2021 fuq bazifull-time u part-time bħala x-xogħol ewlieni tagħhom (part-time only) kien ta' 18,376.

Hawn taħt issib tabella li turi kemm kien hemm nisa u rġiel jaħdmufull time u part time bħala x-xogħol ewlieni tagħhom (part-time only).

| **Xogħol li jagħmlu** | **Irġiel** | **Nisa** | **Total** |
|---|---|---|---|
| ***FULL TIME*** | **7,932** | **3,114** | **11,046** |
| ***PART TIME ONLY*** | **4,924** | **2,406** | **7,330** |
| **Total** | **12,856** | **5,520** | **18,376** |

Seduta 11
30/05/2022

**ĦADDIEMA NISA**

**347. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien in-numru ta' nisa li fis-snin 2017 sal-lum (sena b'sena) sabu impjieg part-time jew full-time? Kemm minn dawn l-impjiegi kienu mas-settur privat u kemm kienu mas-settur pubbliku? Fil-każ ta' dawk li sabu impjieg fis-settur pubbliku, jista' jgħid f'liema qasam u f'liema grad?

17/05/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Tabella A li turi n-numru ta' nisa li sabu impjieg part-time bħala x-xogħol ewlieni tagħhom (part-time only) jew full-time, fis-settur privat u pubbliku mis-sena 2017 sal-aħħar ta' Diċembru 2021.
Tabella B turi f'liema qasam u f'liema xogħol jinsabu dawk in-nisa li qed jaħdmu fis-settur pubbliku.

Seduta 11
30/05/2022

**ĦAL KIRKOP - PERSUNI LI JIRREĠISTRAW GĦAX-XOGĦOL**

**495. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni li jgħixu Ħal Kirkop li kienu jirreġistraw għax-xogħol f'dawn l-aħħar ħames snin, maqsuma xahar xahar? Jista' jgħid kemm kienu nisa u kemm irġiel?

18/05/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 11
30/05/2022

**PERSUNI LI REĠISTRATI GĦAX-XOGĦOL LI GĦANDHOM INQAS MINN 21 SENA**

**496. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni jirreġistraw għax-xogħol li għandhom inqas minn 21 sena, f'dawn l-aħħar ħames snin, maqsuma xahar xahar? Jista' jgħid kemm kienu nisa u kemm irġiel?

18/05/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ngħarraf lill-Onorevoli Interpellant illi l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 11
30/05/2022

**IVF - ĦLAS**

**507. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk jeżistix ħlas għas-servizz tal-IVF?

18/05/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li s-servizzi kollha li huma offruti mill-*ArtClinic* f'Mater Dei huma mingħajr ħlas.

Seduta 11
30/05/2022

**SPTAR MONTE KARMELI - RESIDENTI**

**508. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm residenti permanenti fl-Isptar Monte Karmeli?

18/05/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE: :** Ninforma lill Onorevoli Interpellant li n-numru ta' pazjenti li ilhom fl-isptar Monte Karmeli aktar minn 6 xhur huwa 63.

Seduta 11
30/05/2022

**BAJJIET GĦAL MIN JUŻA WHEELCHAIR**

**509. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid jekk teżistix bajja għal min juża l-wheelchair? Il-Gvern jipprovdi wheelchairs tar-rubber li jkunu jistgħu jagħmlu użu minnhom meta jmorru l-baħar?

18/05/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li biex ikompli jissaħħaħ il-prodott turistiku, l-Awtorità Maltija tat-Turiżmu fl-aħħar snin investiet f'numru ta' wheelchairs li jistgħu jintużaw fuq il-bajjiet ramlin bejn 15 ta' Ġunju u 15 ta' Settembru. Dawn il-wheelchairs jinstabu fuq dawn il-bajjiet:

· Għadira, Mellieħa
· Il-Bajja tal-Mixquqa, Mellieħa
· Little Armier, Mellieħa
· Ġnejna, Mġarr
· Il-Bajja s-Sabiħa, Birżebbuġa
· Il-Bajja ta' San Ġorġ, Paceville
· L-Għar l-Aħmar, Marsaxlokk

F'dawn il-bajjiet jiġu installati wkoll passaġġi għal aċċess aħjar:
· Għadira, Mellieħa
· Il-Bajja tal-Mixquqa, Mellieħa
· Little Armier, Mellieħa
· Il-Bajja is-Sabiħa, Birżebbuġa
· Bajja ta' San Ġorġ, Paceville
· L-Għar l-Aħmar, Marsaxlokk
· Il- Ponta tal-Qawra, San Pawl il-Baħar
· Fond Għadir, Sliema
· Perched Beach, Buġibba

Barra minn hekk, bejn il-15 ta' Ġunju u l-15 ta Settembru jiġu installati wkoll hoists f' dawn il-bajjiet tal-blat:
· Għadira, Mellieħa
· Tunnara, Mellieħa
· Il-Ponta tal-Qawra, San Pawl il-Baħar
· Exiles, tas-Sliema
· Il-Bajja s-Sabiħa, Birżebbuġa
· Il-Fajtata, Marsaskala

Seduta 11
30/05/2022

**NON-FUNGIBLE TOKENS**

**523. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi l-pożizzjoni tal-Gvern dwar Non-fungible tokens (NFTs)? Jista' jgħid x'potenzjal jara li hemm fl-ekonomija tagħna?

18/05/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li Non-Fungible Tokens (NFTs) joffru opportunitajiet interessanti u innovazzioni diġitali inklu¿ il-faċilitazzjoni ta' ownership jew drittijiet ta' u¿u jew pussess permezz ta' ċertifikazzjoni diġitali fuq assi diġitali jew fi¿iċi. Je¿istu ukoll, imma, numru ta' sfidi dwar kif se jaffettwaw kunċetti e¿istenti ta' ownership, liċenzjar, taxxa u anki fid-determinazzjoni legali tagħhom fejn jistgħu jinqabdu b'liġijiet bħal VFA ACT jew liġijiet oħra taħt ir-responsabbilta' tas-servizzi finanzjarji (MFSA).
L-Awtorità Maltija għall-Innovazzjoni Diġitali fasslet qafas regolatorju li jagħti assigurazzjoni fuq teknoloġija mibnija fuq Smart Contracts u Blockchain, u li jgħin: (i) fit-tkabbir tal-fiduċja pubblika f'dawn it-teknoloġiji; (ii) fi¿-¿ieda tar-reputazzjoni tal-attivitajiet kummerċjali; u (iii) tipproteġi iktar lis-soċjetà. Il-qafas regolatorju jappoġġja kemm systems audits komprensivi u kif ukoll reġim iktar flessibbli permezz tas-sandbox. L-ebda pajji¿ ieħor m'għandu qafas nazzjonali fuq assigurazzjoni tat-teknoloġija. Malta tista tpoġġi lilha nnifisha bħala ġurisdizzjoni magħrufa għal NFTs b'reputazzjoni tajba u fdata.

Seduta 11
30/05/2022

**MALTA DEVELOPMENT BANK – KUMPANIJI LI BBENEFIKAW**

**524. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm kumpaniji li bbenefikaw mill-Malta Development Bank? Jista' jgħid f'liema qasam ekonomiku joperaw?

18/05/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 11
30/05/2022

**KUMPANIJI ĠODDA MWAQQFA**

**525. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm twaqqfu kumpaniji ġodda matul l-aħħar ħames snin, sena b'sena, u f'liema qasam ekonomiku joperaw?

18/05/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-kumpaniji ġodda li twaqqfu matul l-aħħar ħames snin huma kif jidhru fit-tabella li qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 11
30/05/2022

**GĦELUQ TA' KUMPANIJI**

**526. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista’ l-Ministru jgħid kemm għalqu kumpaniji matul l-aħħar ħames snin, sena b’sena, u f’liema qasam ekonomiku kienu joperaw?

18/05/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar u t-tweġiba tingħata f’seduta oħra.

Seduta 11
30/05/2022

**BDIEWA - PROPOSTI GĦALL-PREZZ TAS-SUSSIDJU FUQ PRODOTTI**

**602. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista’ l-Ministru jgħid jekk il-bdiewa li jipproduċu t-tadam, patata u dwieli għamlulux proposti għall-prezz tas-sussidju dawn l-aħħar snin, partikolarment minħabba l-effetti tal-pandemija COVID-19? Jekk iva, jista’ l-Ministru jgħid:
a) fiex kienu jikkonsistu dawn il-proposti;
b) kemm kienet it-talba tal-bdiewa f'sussidji għal kull kilo jew għall-ammont ta’ kejl ta’ raba’ li jintuża biex jitkabbru l-prodotti msemmija; u
c) il-Gvern ħa jew se jieħu konsiderazzjoni l-proposti ta' dawn il-bdiewa?

19/05/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ma saret l-ebda proposta mill-bdiewa għal għoti ta’ għajnuna tat-tip imsemmija. Madanakollu l-Istat ta' għajnuna biex jingħata sostenn lill-ekonomija matul it-tifqigħa tal-COVID-19 mill-2020 'il quddiem, ġew imnedija tliet sejħiet b’allokazzjoni totali ta’ bejn €4,000,000 u €4,500,000 għal kull sejħa, imħallsin bħala pagamenti diretti diżakkopjati lill-bdiewa kollha li jaħdmu l-art.

Seduta 11
30/05/2022

**LINE ITEM 5014 - INFIQ**

**603. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: B’referenza għal Line item 5014 Agriculture Support Scheme tal-Baġit 2021, jista’ l-Ministru jagħti (sad-data ta’ din il-mistoqsija parlamentari):
a. il-bilanċ ta’ dan il-Line item;
b. kif intefaq; u
c. fuq liema kriterji ntefqu l-fondi?

19/05/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-ispiża mwettqa mil-line item 5014 fl-2021 jammonta għal €4,057,136.52. Ngħarrfek ukoll illi kien hemm allokazzjoni addizzjonali ta’ €4,000,000 minn fondi Nazzjonali bħala pagamenti diretti lill-bdiewa u r-raħħala. Dan sabiex jittaffewlhom il-piżijiet addizzjonali li ġabet magħha il-pandemija tal-COVID-19.
Għal aktar dettalji dwar din l-iskema wieħed jista’ jikkonsulta l-linji gwida dettaljati li jinsabu fuq is-sit elettroniku tal-Aġenzija.

Seduta 11
30/05/2022

**LINE ITEM 5101 - INFIQ**

**604. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: B'referenza għal Line item 5101 Livestock Welfare Scheme tal-Baġit 2021, jista' l-Ministru jagħti (sad-data ta' din il-mistoqsija parlamentari):
a. il-bilanċ ta' dan il-Line item;
b. kif intefaq; u
c. fuq liema kriterji ntefqu l-fondi?

19/05/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-bilanċ ta' dan il-vot sad-data tal-mistoqsija kien ta' €211,891.00. Dan il-vot hekk kif imħabbar matul id-Diskors tal-Baġit tas-sena rilevanti, huwa użat għat-twettiq ta' skema nazzjonali ta' għajnuna finanzjarja intiża sabiex tindirizza l-benesseri tal-majjal imnedija f'Marzu, 2021. Taħt din l-Iskema ġie allokat u kuntrattat baġit ta' €446,400 fis-sena. Dan qed jingħata fuq medda ta' ħames snin mill-2021, lil dawk ir-raħħala fis-settur tal-majjal li volontarjament żiedu l-ispazju ta' fejn jinżammu l-majjali fl-irziezet tagħhom biex b'hekk itejjbu l-kondizzjonijiet tal-għajxien u l-benesseri ta' dawn l-annimali. Il-kriterji dwar din l-iskema jinsabu fil-linji gwida pubblikati għal din l-iskema.

Seduta 11
30/05/2022

**LINE ITEM 5280 - INFIQ**

**605. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: B'referenza għal Line item 5280 Storm Damages Scheme tal-Baġit 2021, jista' l-Ministru jagħti (sad-data ta' din il-mistoqsija parlamentari):
a. il-bilanċ ta' dan il-Line item;
b. kif intefaq; u
c. fuq liema kriterji ntefqu l-fondi?

19/05/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-bilanċ taħt il-*line item* 5280 *Storm Damages Scheme* tal-Baġit 2021 għadu sħiħ.

Seduta 11
30/05/2022

**LINE ITEM 5614 - INFIQ**

**606. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: B'referenza għal Line item 5614 Fisheries Patrol tal-Baġit 2021, jista' l-Ministru jagħti (sad-data ta' din il-mistoqsija parlamentari):
a. il-bilanċ ta' dan il-Line item;
b. kif intefaq; u
c. fuq liema kriterji ntefqu l-fondi?

19/05/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba dwar Line item 5614 *Fisheries Patrol* tal-Baġit 2021, sad-data ta' din il-mistoqsija parlamentari, hija kif ġej:

a. Il-bilanċ ta' dan il-*Line item* kien jammonta għal €450,000.

b. Dawn il- fondi ġew utilizzati biex isir kontroll tas-sajd fl-ibħra Maltin, fosthom fi spejjeż relatati ma' l-użu ta' tlett RHIBS li jintużaw għall-kontroll tas-sajd, kif ukoll għall-ħlasijiet għas-servizzi li ngħataw lill-Forzi Armati ta' Malta fuq kontrolli oħra fl-ibħra Maltin f'isem id-Dipartiment tas-Sajd u l-Akwakultura.

c. Dawn il-fondi intnefqu biex jiġu osservati diversi liġijiet fosthom Kapitlu 425 "Att Dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd", il-*Common Fisheries Policy* (EU)1380/2013 u l-*EU Control Regulation* (EC1224/2009).

Seduta 11
30/05/2022

**LINE ITEM 5639 - INFIQ**

**607. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: B'referenza għal Line item 5639 Animal Disease Control Programme tal-Baġit 2021, jista' l-Ministru jagħti (sad-data ta' din il-mistoqsija parlamentari):
a. il-bilanċ ta' dan il-Line item;
b. kif intefaq; u
c. fuq liema kriterji ntefqu l-fondi?

19/05/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi b'referenza għal *Line Item* 5639 *Animal Disease Control Programme* tal-Baġit 2021, sad-data ta' din il-mistoqsija parlamentari, l-informazzjoni hija kif ġej:

a. Il-bilanċ kien ta' €1.33 mill-figura approvata ta' €600,000 u li magħhom żdiedet ukoll is-somma ta' €18,062.

b. Dawn intnefqu għal skopijiet relatati ma' attivitajiet regolatorji li jinvolvu s-saħħa tal-annimali.

c. Il-kriterji li fuqhom intnefqu il-fondi kienu skont il-parametri stipulati fil-pjan tal-Baġit sottomess lill-Uffiċċju tal-Baġit fi ħdan il-Minsteru tal-Finanzi u x-Xogħol fis-sena 2020 li l-maġġoranza minnu huma relatati ma' spejjeż ta' analiżi, operat tal-Laboratorju Nazzjonali nkluż analiżi li jridu jsiru minn laboratorji akkreditati sottokuntrattati u spejjeż anċillari assoċjati. Parti mill-fondi intnefqu għal spejjeż relatati ma' monitoraġġ u nfurzar ta' programmi regolatorji veterinarji relatati mas-saħħa tal-annimali.

Seduta 11
30/05/2022

**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR - TELGĦA TAL-IMBORDIN - SPEZZJONI**

**669. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari numru 114, jista' l-Ministru jgħid xi rriżulta mill-ispezzjoni li għamel il-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar fiż-żona msemmija fl-istess mistoqsija parlamentari ġewwa l-Imbordin?

20/05/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li ninsab infurmat li wara li daħlet id-domanda parlamentari, saret ispezzjoni oħra mill-Contracts Manager tal-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar fejn ma jirriżultax li hemm problema partikolari u għaldaqstant jiġi apprezzat jekk jiġi indikat eżatt fejn u x'inhi l-problema,jekk dejjem din teżisti.

Seduta 11
30/05/2022

**ĦLAS TA' EKO-KONTRIBUZZJONI GĦAL KULL MIN IŻUR IL-GŻEJJER MALTIN**

**670. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar jekk l-eko-kontribuzzjoni (ta' 50 ċenteżmu kull lejl għal kull min iżur il-gżejjer Maltin) li kienet ġiet introdotta numru ta' snin ilu għadhiex titħallas? Minn mindu ddaħħal dan il-ħlas, kemm kienet is-somma totali li nġabret sena b'sena? Fiex intużaw il-flus li nġabru?

20/05/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi s-somma totali li nġabret, sena b'sena, hi skond it-tabella hawn taħt:

| Sena | Ammont |
|---|---|
| 2016 | 904,682.67 |
| 2017 | 3,170,952.51 |
| 2018 | 3,955,101.00 |
| 2019 | 4,152,918.52 |
| 2020* | 1,890,321.87 |
| 2021* | 1,412,912.93 |
| 2022 (sa 23/05/22) | 1,028,622.56 |
| **Totali** | **16,515,512.06** |

* Is-snin 2020 u 2021 kienu karatterizzati minn naqqas kbir ta' turisti minħabba l-mizuri marbuta mal-COVID-19.
Rigward l-aħħar parti tal-mistoqsija, nitlob lill-Onorevoli Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 11
30/05/2022

**KAŻIJIET TA' CYBER BULLYING**

**671. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jagħti informazzjoni dwar kemm-il każ ta' użu ħażin tal-kompjuter ġie rrapportat, xahar b'xahar, bejn Jannar 2019 u sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din id-domanda? F'kull każ, x'kienet l-età tal-allegat vittma/i u l-età tal-allegat akkużat/i? Minn dawn jista' l-Ministru jagħti informazzjoni dwar kemm minnhom kienu każijiet ta' cyber bullying jekk is-sistema elettronika tippermeti dan?

20/05/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI**: Ninsab infurmat illi fil-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2019 u t-30 ta' April 2022, fis-sistema tal-pulizija, l-ammont ta' rapporti rreġistrati xahar b'xahar dwar użu ħażin tal-kompjuter kienu kif jidher fit-tabella riprodotta hawn taħt. Din tinkludi wkoll il-kategoriji tal-età tal-vittmi u suspettati. Fis-sistema ma teżistix kategorija speċifika ta' cyber bullying. Infurmat illi wara aġġustament li sar fis-sistema din is-sena, taħt il-kategorija ta' theddid u vjolenza privata, ir-reat ta' fastidju online jiġi elenkat ukoll. Għaldaqstant l-ammonti ta' tali reat bejn Jannar u April ta' din is-sena huma indikati wkoll.

| Year | Sub-category | Jan | Feb | Mar | Apr | May | Jun | Jul | Aug | Sep | Oct | Nov | Dec | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **2019** | PASSWORD DISCLOSURE | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 1 | 0 | 0 | 0 | 1 | 0 | 0 | **2** |
| | UNAUTHORISED ACCESS | 14 | 9 | 14 | 13 | 17 | 9 | 13 | 7 | 12 | 7 | 15 | 11 | **141** |
| | UNAUTHORISED DISCLOSURE - DATA | 1 | 1 | 0 | 0 | 0 | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | **3** |
| | USE OF OTHER PERSONS EMAIL | 2 | 0 | 0 | 2 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 2 | 1 | 0 | **12** |
| | USE OF OTHER PERSONS PASSWORD | 0 | 0 | 1 | 1 | 2 | 0 | 0 | 0 | 1 | 0 | 1 | 0 | **6** |
| | UNAUTHORISED POSSESSION DATA | 1 | 1 | 0 | 1 | 3 | 0 | 1 | 0 | 0 | 1 | 0 | 0 | **8** |
| | UNAUTHORISED COPYING OF DATA | 0 | 2 | 1 | 3 | 1 | 1 | 0 | 1 | 0 | 0 | 0 | 2 | **11** |

| | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | UNAUTHORISED DELETION OF DATA | 0 | 2 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 1 | 0 | 1 | **4** |
| **2019 Total** | | **18** | **15** | **16** | **20** | **24** | **13** | **15** | **9** | **14** | **12** | **17** | **14** | **187** |
| **2020** | PASSWORD DISCLOSURE | 0 | 0 | 0 | 4 | 0 | 0 | 1 | 1 | 0 | 0 | 0 | 1 | **7** |
| | UNAUTHORISED ACCESS | 18 | 11 | 15 | 16 | 22 | 13 | 30 | 15 | 23 | 10 | 17 | 14 | **204** |
| | UNAUTHORISED DISCLOSURE - DATA | 1 | 1 | 0 | 0 | 0 | 1 | 2 | 2 | 0 | 0 | 0 | 0 | **7** |
| | UNAUTHORISED INSTALLATION | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 2 | **2** |
| | USE OF OTHER PERSONS EMAIL | 0 | 0 | 2 | 0 | 1 | 0 | 1 | 0 | 1 | 1 | 0 | 2 | **8** |
| | USE OF OTHER PERSONS PASSWORD | 0 | 1 | 0 | 0 | 2 | 1 | 0 | 3 | 1 | 0 | 0 | 0 | **8** |
| | UNAUTHORISED POSSESSION DATA | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 | 2 | 3 | 0 | 0 | 1 | 1 | 3 | **11** |
| | UNAUTHORISED COPYING OF DATA | 3 | 0 | 2 | 1 | 1 | 1 | 3 | 0 | 2 | 1 | 4 | 1 | **19** |
| | UNAUTHORISED DELETION OF DATA | 1 | 1 | 0 | 1 | 0 | 0 | 0 | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 | **4** |
| **2020 Total** | | **24** | **14** | **19** | **22** | **26** | **18** | **40** | **22** | **27** | **13** | **22** | **23** | **270** |
| **2021** | PASSWORD DISCLOSURE | 0 | 2 | 1 | 0 | 1 | 0 | 0 | 0 | 3 | 1 | 0 | 0 | **8** |
| | UNAUTHORISED ACCESS | 23 | 19 | 25 | 24 | 19 | 15 | 23 | 21 | 19 | 21 | 14 | 26 | **249** |
| | UNAUTHORISED DISCLOSURE - DATA | 0 | 1 | 2 | 1 | 1 | 1 | 0 | 1 | 1 | 0 | 0 | 1 | **9** |
| | UNAUTHORISED INSTALLATION | 0 | 0 | 0 | 0 | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | **1** |
| | USE OF OTHER PERSONS EMAIL | 2 | 3 | 1 | 1 | 1 | 2 | 1 | 2 | 1 | 3 | 1 | 0 | **18** |
| | USE OF OTHER PERSONS PASSWORD | 0 | 1 | 1 | 1 | 2 | 0 | 1 | 1 | 0 | 1 | 1 | 0 | **9** |
| | UNAUTHORISED POSSESSION DATA | 2 | 0 | 2 | 1 | 0 | 1 | 1 | 1 | 2 | 1 | 0 | 0 | **11** |
| | UNAUTHORISED COPYING OF DATA | 4 | 1 | 2 | 2 | 3 | 3 | 4 | 0 | 2 | 1 | 2 | 1 | **25** |
| | UNAUTHORISED DELETION OF DATA | 0 | 1 | 0 | 2 | 0 | 2 | 0 | 0 | 1 | 0 | 1 | 0 | **7** |
| **2021 Total** | | **31** | **28** | **34** | **32** | **28** | **24** | **30** | **26** | **29** | **28** | **19** | **28** | **337** |
| **2022** | PASSWORD DISCLOSURE | 2 | 0 | 0 | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | **3** |
| | UNAUTHORISED ACCESS | 28 | 25 | 42 | 78 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | **173** |
| | UNAUTHORISED DISCLOSURE - DATA | 1 | 0 | 1 | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | **3** |
| | USE OF OTHER PERSONS EMAIL | 2 | 0 | 0 | 2 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | **4** |
| | USE OF OTHER PERSONS PASSWORD | 0 | 1 | 0 | 2 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | **3** |
| | UNAUTHORISED POSSESSION DATA | 1 | 1 | 1 | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | **4** |
| | UNAUTHORISED COPYING OF DATA | 0 | 4 | 1 | 2 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | **7** |
| | UNAUTHORISED DELETION OF DATA | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | **1** |
| **2022 Total** | | **35** | **31** | **45** | **87** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **198** |
| **Total** | | **108** | **88** | **114** | **161** | **78** | **55** | **85** | **57** | **70** | **53** | **58** | **65** | **992** |

**Threats and Private Violence - Harassment (Online)**

| **Year** | **Crime category** | **Sub-category** | **Jan** | **Feb** | **Mar** | **AprTotal** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 2022 | THREATS AND PRIVATE VIOLENCE | HARASSMENT | 10 | 3 | 2 | 116 |

**Alleged victims of Computer misuse**

| **AGE BRACKET** | **2019** | **2020** | **2021** | **2022** | **Total** |
|---|---|---|---|---|---|
| 18-59 years | 158 | 229 | 262 | 175 | 824 |
| 60+ years | 22 | 9 | 25 | 10 | 66 |
| Under 18 years | 10 | 30 | 29 | 16 | 85 |
| **Grand Total** | **190** | **268** | **316** | **201** | **975** |

**Persons possibly related to Computer misuse (suspects)**

| **AGE BRACKET** | **2019** | **2020** | **2021** | **2022** | **Total** |
|---|---|---|---|---|---|
| 18-59 years | 18 | 27 | 39 | 14 | 98 |
| 60+ years | 0 | 0 | 0 | 1 | 1 |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Under 18 years | 2 | 2 | 0 | 1 | 5 |
| **Grand Total** | **20** | **29** | **39** | **16** | **104** |

Seduta Numru 11
30/05/2022

**BUĠIBBA – MOLL TAĦT IT-TRIQ DAWRET IL-GŻEJJER - MANUTENZJONI**

**672. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jara li titwettaq il-manutenzjoni neċessarja fiż-żona tal-moll ta' Buġibba, preċiżament il-parti ta' taħt it-triq Dawret il-Gżejjer, qrib is-salini tal-melħ, dan wara li diversi persuni waqgħu waqt li kienu mixjin f'din iż-żona?

20/05/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Filwaqt li nitlob lill-Onor. Interpellanta biex tagħmel il-mistoqsija tagħha lill-Ministru kkonċernat, ninfurmaha li l-Fondazzjoni għaż-Żoni Turistiċi għamlet intervent fiż-żona msemmija kemm is-sena li għaddiet u kif ukoll din is-sena. Twaħħlu bollards biex ma jidħlux vetturi, ġew irranġati l-faċilitajiet sanitarji, kif ukoll ġie rranġat it-taraġ li jagħti mill-promenade saż-żona tat-toilets.

Seduta 11
30/05/2022

**MELLIEĦA - PROĠETTI**

**673. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-pjanti u dettalji oħra tal-proġetti li kienu ppjanati li jsiru din is-sena fil-Mellieħa, fosthom ir-Riġenerazzjoni tal-Pjazza tal-Mellieħa u l-madwar; ir-Restawr tas-Salib tal-Pellegrini fil-Mellieħa; u l-Immodernizzar tal-promenade tal-Mellieħa? Kemm hi l-istima għal kull proġett? Fiex waslu dawn il-proġetti?

20/05/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Fir-rigward tar-riġenerazzjoni tal-Pjazza tal-Mellieħa u l-madwar, nirreferi lill-Onor. Interpellanta għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 20695 u 21294 (Leġiżlatura XIII). Ngħarrafha wkoll li bħalissa qed isiru l-aħħar preparamenti biex ikun jista' joħroġ it-tender relatat max-xogħlijiet. Il-pjan huwa li l-implimentazzjoni ta' dan il-proġett tibda lejn l-aħħar ta' din is-sena.
Ir-restawr tas-Salib tal-Pellegrini huwa komplut.
Huwa proġettat li l-implimentazzjoni tal-immodernizzar tal-promenade tal-Mellieħa jibda lejn l-aħħar ta' din is-sena. Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra Stqarrija għall-Istampa numru 211012. Fejn jidħlu dettalji tekniċi, nitlob lill-Onorevoli Interpellanta biex tagħmel il-mistoqsija tagħha lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 11
30/05/2022

**SAN PAWL IL-BAĦAR - PROĠETTI**

**674. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-pjanti u dettalji oħra tal-proġetti li kienu ppjanati li jsiru din is-sena f'San Pawl il-Baħar, fosthom il-proġett tal-Belvedere; it-tisbiħ taż-żona ta' ħdejn il-Gillieru; it-titjib tal-passaġġ ħdejn it-Torri ta' Wignacourt; il-proġett taż-żona tas-Salt Pans; il-proġett ta' Triq il-Luzzu; u t-Tisbiħ tal-Pjazza ta' Buġibba? Kemm hi l-istima għal kull proġett? Kemm ser tkun l-għajnuna li ser tingħata lill-Kunsill Lokali għal kull proġett? Fiex waslu dawn il-proġetti?

20/05/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li wara snin ta' nuqqas ta' investiment, għall-ewwel darba San Pawl il-Baħar ser ikun qed igawdi minn investiment li jlaħħaq kważi it-tliet miljun Ewro. Il-proġetti msemmija qegħdin fi stat differenti ta' progress:

- Il-proġett tal-Belvedere – bħalissa qed isir ix-xogħol neċessarju relatat mal-procurement.
- It-tisbiħ taż-żona ta' ħdejn il-Gillieru – bħalissa qiegħed isir ix-xogħol neċessarju ta' studji strutturali.

· It-titjib tal-passaġġ ħdejn it-Torri ta' Wignacourt – l-upgrading tal-gallarija qed isir permezz ta' tender li nħareġ mill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar. Il-proċess huwa magħluq imma saru xi appelli.
· Il-proġett taż-żona tas-Salt Pans - bħalissa qed isir ix-xogħol neċessarju relatat mal-procurement.
· Il-proġett ta' Triq il-Luzzu – bħalissa qed isir it-tfassil ta' tender.
· It-tisbiħ tal-Pjazza ta' Buġibba – dan il-proġett qiegħed fi stadju bikri ta' disinn.

L-għan tagħna jibqa' li nkomplu nsaħħu u ntejbu l-infrastruttura turistika ta' San Pawl il-Baħar. Il-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar se jkun qed jingħata l-għajnuna neċessarja biex ma joħroġx fondi mill-baġit tiegħu.

Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra il-pjanti/impressjoni artistika ta' dawn il-proġetti.

Seduta 11
30/05/2022

**IL-MELLIEĦA – SKOLA PRIMARJA - ESTENSJONI**

**685. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-permessi/pjanti approvati dwar l-estensjoni tal-Iskola Primarja tal-Mellieħa filwaqt li jindika meta mistenni jibda u jintemm ix-xogħol fuq is-sit indikat?

23/05/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-pjanti għadhom fi proċess ta' applikazzjoni quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar skont applikazzjoni b'numru ta' referenza: PA/02255/18.

Seduta 11
30/05/2022

**PROPOSTI MRESSQA MAL-ESTENSJONI TAL-ISKOLA TAL-MELLIEĦA**

**686. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Wara diversi laqgħat li kelli mal-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada (FTS) bħala Deputat li ġej mil-lokalità tal-Mellieħa, jista' l-Ministru jikkonferma jekk fl-aħħar sitt snin itteħdux inkonsiderazzjoni l-proposti li ressaqt b'rabta mal-estensjoni tal-iskola tal-Mellieħa li jinkludu, fost l-oħrajn, il-kobor/użu tal-parkeġġ kif ukoll il-post fejn għandha ssir is-sala ewlenija, liema sala tkun tista' tintuża wkoll mill-komunità Mellieħija, xi ħaġa li dejjem seħħet fil-Mellieħa għal dawn l-aħħar 30 sena u aktar?

23/05/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li kemm il-Ministeru, kif ukoll il-Fondazzjoni għall-Iskejjel t'Għada, dejjem jieħdu inkonsiderazzjoni l-proposti li jitressqu quddiemhom b'rabta ma' titjib fis-sistema edukattiva. Minkejja dan, ninfurmah li l-proposta tiegħu dwar il-parkeġġ fl-iskola tal-Mellieħa, fejn dan ikun mifrux fuq sitt sulari u li ssir mina li tiżbokka fi Triq il-Kbira, mhijiex vijabbli. Ninfurmah ukoll li l-aċċessibbiltà għall-użu tas-sala wara l-ħinijiet tal-iskola, se tkun possibbli.

Seduta 11
30/05/2022

**IL-MELLIEĦA – ESTENSJONI TAL-ISKOLA PRIMARJA – PERMESSI GĦALL-PARKEĠĠ**

**687. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-permessi/pjanti approvati b'rabta mal-parkeġġ li mistenni jinbena bħala parti mill-estensjoni tal-Iskola Primarja tal-Mellieħa?

23/05/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-pjanti għadhom fi proċess ta' applikazzjoni quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar skont applikazzjoni b'numru ta' referenza: PA/02255/18.

Seduta 11
30/05/2022

**QAWRA – SKOLA - PARKEĠĠ**

**688. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jindika jekk jeżistux problemi mal-iskola tal-Qawra dwar l-aċċess/sigurtà fl-użu tal-lift fil-parkeġġ u kif ser jintuża l-istess parkeġġ li hemm mal-istess skola? Jista' jikkonferma li teżisti soluzzjoni jekk hemm din il-problema u allura jistax jikkonferma meta r-residenti ser jibda jkollhom aċċess għal dan il-parkeġġ tant bżonjuż?

23/05/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-lift fil-parkeġġ tal-Kulleġġ Marija Reġina Skola Primarja Qawra hu għall-użu esklussiv tal-iskola.

Seduta 11
30/05/2022

**BIRKIRKARA – PJANTI TAD-DAR TAL-ANZJANI - DISKUSSJONIJIET**

**689. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid fiex waslu d-diskussjonijiet biex jiġu ffinalizzati l-pjanti tad-Dar tal-Anzjani f'Birkirkara li l-Gvern kien qal li se jagħmel b'investiment ta' €12-il miljun?

23/05/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li għaddejjin diskussjonijiet ma' entitajiet governattivi oħra dwar dan il-proġett. Sakemm jiġu finalizzati dawn id-diskussjonijiet ma hemmx iktar informazzjoni x'tingħata.

Seduta 11
30/05/2022

**RESIDENZA SAN VINĊENZ DE PAULE – SOCIAL ASSISTANTS**

**690. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni jaħdmu fil-grad ta' Social Assistants ġewwa r-Residenza San Vinċenz de Paule?

23/05/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex tirreferi l-mistoqsija parlamentari tagħha lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 11
30/05/2022

**PERSUNI LI QED JIRĊIEVU XI FORMA TA' PENSJONI**

**691. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien in-numru ta' persuni li kienu qed jirċievu xi forma ta' pensjoni sal-aħħar ta' 2021? Jista' jindika kemm hemm persuni li jieħdu xi forma ta' pensjoni f'kull kategorija u jgħid ukoll kemm minnhom huma rġiel u kemm minnhom huma nisa?

23/05/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ġentilment ninforma lill-Onor Interpellanta li t-tweġiba ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta 11
30/05/2022

**PERSUNI LI JIEĦDU XI FORMA TA' PENSJONI TAĦT IL-€500 FIX-XAHAR**

**692. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm persuni kienu qed jirċievu xi forma ta' pensjoni taħt is-somma ta' €500 fix-xahar sal-aħħar tas-sena 2021? Jista' jindika dan kategorija b'kategorija, u wkoll kemm minnhom huma rġiel u kemm minnhom huma nisa?

23/05/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 11
30/05/2022

**PERSUNI LI JIEĦDU XI FORMA TA' PENSJONI TAĦT IS-€700 FIX-XAHAR**

**693. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm persuni kienu qed jirċievu xi forma ta' pensjoni taħt is-somma ta' €700 fix-xahar sal-aħħar tas-sena 2021? Jista' jindika dan kategorija b'kategorija u wkoll kemm minnhom huma rġiel u kemm minnhom huma nisa?

23/05/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 11
30/05/2022

**PROĊESS TA' INGAĠĠ TA' HEALTH CARERS**

**694. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk il-proċess ta' ingaġġ ta' Health Carers, li l-interviews tagħhom saru f'Jannar li għadda, ġiex konkluż? Jekk iva, jista' jgħid kemm intgħażlu u f'liema entità tas-saħħa qegħdin jaħdmu?

23/05/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nitlob lill-Onerevoli Interpellant tispeċifika għall liema sejħa qed tirreferi, peres li l-Ministeru għas-Saħħa ma ħareġ l-ebda sejħa għall ingaġġ ta' Health Carers riċenti.

Seduta 11
30/05/2022

**KUMITAT KONSULTATTIV GĦAS-SERVIZZI DWAR L-UTILITAJIET - MEMBRI**

**695. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Kumitat Konsultattiv għas-Servizzi dwar l-Utilitajiet hux kostitwit a tenur tal-Att dwar ir-Regolament ta' Ċerti Xogħlijiet f'Utilitajiet u Servizzi, Kap. 81? Jekk hu, min huma l-membri tiegħu u jekk dawn jirċevux xi forma ta' ħlas għall-attendenza u l-ħidma tagħhom?

23/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Kumitat Konsultattiv għas-Servizzi dwar l-Utilitajiet huwa kostitwit a tenur tal-Att dwar ir-Regolament ta' Ċerti Xogħlijiet f'Utilitajiet u Servizzi, Kap. 81.

Seduta 11
30/05/2022

**BORD GĦAS-SOLUZZJONI TA' TILWIM GĦAL NETWORKS DWAR L-UTILITAJIET - MEMBRI**

**696. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid il-Bord għas-Soluzzjoni ta' Tilwim għal Networks dwar l-Utilitajiet hux kostitwit skont l-Att dwar ir-Regolament ta' Ċerti Xogħlijiet f'Utilitajiet u Servizzi, Kap. 81? Jekk hu, jista' jgħid min huma l-membri tiegħu, kemm-il każ kien hemm quddiem dan il-Bord, u jekk il-membri qed jirċevux xi ħlas għal ħidma tagħhom?

23/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onorevoli interpellant li l-membri attwali tal-Bord offrew ir-ri¿enja tagħhom u ninsabu fil-proċess li jinħatar Bord ġdid.

Seduta 11
30/05/2022

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA U SAN PAWL IL-BAĦAR - KORRISPONDENZA FUQ ĊNUT TA' SITI TA' KOSTRUZZJONI**

**710. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 22546 tat-13-il Leġiżlatura u jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-korrispondenza kollha li l-Kunsilli Lokali tal-Mellieħa u San Pawl il-Baħar kellhom mal-Awtorità tal-Ippjanar bejn Settembru 2018 u April 2022 fejn l-Awtorità ntalbet mill-istess kunsilli biex skont il-liġi tintervjeni sabiex isiru ċnut madwar siti ta' kostruzzjoni mibdija jew abbandunati u li kienu u għadhom qed jikkawżaw perikli għar-residenti u dan peress li hemm siti minnhom li spiċċaw miżbliet żgħar?

23/05/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Infurmat li l-Awtorità tal-Ippjanar tinvestiga l-ilment. Jekk il-każ huwa sit ta' kostruzzjoni, min jagħmel l-ilment jiġi infurmat li l-ilment għandu jsir mal-Awtorità tal-Bini u Kostruzzjoni. Jekk il-każ huwa rimi illegali ta' skart, min jagħmel l-ilment jiġi infurmat li l-ilment għandu jsir mal-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi jew mad-Direttorat tas-Saħħa Ambjentali. Jekk il-każ huwa sit li bid-dehra tiegħu qiegħed jagħmel ħsara lill-ġmiel jew is-siwi ta' żona, l-Awtorità tal-Ippjanar tieħu azzjoni ulterjuri skont l-Artikolu 99(1) tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp (2016).

Seduta 11
30/05/2022

**MEDIĊINI ERTRESTO U GLP-RECEPTOR ANALOGUES**

**711. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk hemmx il-ħsieb li jiddaħħlu fis-sistema tal-formolarju tal-mediċini b'xejn il-mediċina Entresto (għal dawk li jbatu minn kundizzjoni ta' heart failure) kif ukoll il-mediċini GLP-receptor analogues (għall-persuni bil-kundizzjoni tad-Dijabete Type 1) peress li jekk persuna pensjonanta għandha ż-żewġ kundizzjonijiet u trid tixtri dawn il-mediċini kull xahar, in-nefqa għalihom tqarreb lejn l-€400?

23/05/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lil-Onorevoli Interpellant illi l-Gvern dejjem ifittex illi jespandi l-formolarju tiegħu biex jinkludi mediċini ġodda skond il-pariri ta' kumitat tekniku.

Seduta 11
30/05/2022

**MITA – PLACEMENTS GĦAL STUDENTI**

**712. L-ONOR. AMANDA SPITERI GRECH** staqsiet lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid sena b'sena, f'dawn l-aħħar ħames snin, kemm offriet 'placements' lil studenti l-Aġenzija Maltija għall-Informazzjoni u t-Teknoloġija (MITA)?

23/05/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat b'dan it-tagħrif mitlub kif ġej:

| **Sena** | **Placements** |
|---|---|
| 2017 | 332 |
| 2018 | 377 |
| 2019 | 382 |
| 2020 | 300 |
| 2021 | 396 |

Seduta 11
30/05/2022

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI – GĦAJNUNIET LIL GĦAQDIET INVOLUTI FIL-FESTI**

**713. L-ONOR. AMANDA SPITERI GRECH** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid x'tip ta' għajnuniet ta l-Ministeru tiegħu lill-għaqdiet involuti fil-festi tul l-aħħar ħames snin, inkluż meta l-festi ma sarux jew kienu mnaqqsa minħabba l-pandemija?

23/05/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Arts Council Malta tat dawn it-tip ta' għajnuniet lill-għaqdiet involuti fil-festi tul l-aħħar ħames snin (2018-2022):

· Skema għal aktar Saħħa u Sikurezza fil-Kmamar tan-Nar (2018-2022);
· Skema ta' Finanzjament Artistiku għall-Għaqdiet tal-Armar tal-Festi, Għaqdiet Kulturali u Soċjali (2020-2021);
· Skema ta' Finanzjament ta' Proġetti Artistiċi għas-Soċjetajiet tal-Banda (2018-2021)

Dan minbarra għajnuniet oħra li jingħataw lill-għaqdiet involuti fil-festi mid-diversi entitajiet oħra kulturali li jifformaw parti mill-Ministeru. Pereżempju l-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta (li twaqqfet fl-2019) ħadmet mill-qrib ħafna tal-għaqdiet involuti fil-festi kemm tal-Belt kif ukoll ta' bnadi oħra. L-Aġenzija kkuntrattat (bi ħlas) is-servizzi tagħhom kif ukoll użat (dejjem bi ħlas) diversi spazji li huma propjetajiet ta' dawn l-għaqdiet sabiex tellgħet bosta mill-avvenimenti tagħha kif ukoll għal skopijiet oħra relatati max-xogħol tal-Aġenzija.

Seduta 11
30/05/2022

**SKEMI GĦALL-ARTISTI**

**714. L-ONOR. AMANDA SPITERI GRECH** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kif ibbenefikaw l-artisti mill-iskemi li kien hemm matul il-pandemija, b'mod partikolari fis-sena 2020/2021? X'kien l-ammont totali investit minn dawn l-iskemi u kemm ibbenefikaw artisti?

23/05/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tlabt biex l-informazzjoni mitluba tinġabar.

Seduta 11
30/05/2022

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI – PROĠETTI TA' RESTAWR**

**715. L-ONOR. AMANDA SPITERI GRECH** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid xi proġetti ta' restawr hemm għaddejjin bħalissa taħt ir-responsabbiltà tal-Ministeru tiegħu, inkluż dawk li qed jinħadmu ma' terzi?

23/05/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba tinsab hawn taħt:

**Projects and works currently in hand by the Restoration Directorate.**

**1. RESTORATION WORKS BY TENDER**

**1.a Local Funds – Votes administered by the Restoration Directorate**

- Fort Ricasoli, Kalkara - St Dominic Demi-Bastion
- Fort Ricasoli, Kalkara - Rebuilding and Restoration Works on the Façade of the Casemates along the Tenaille
- Cospicua, St. John Bastion, Cottonera Lines
- Cospicua, St. John's Curtain and Gate, Cottonera Lines
- Senglea, Restoration of Bastion Wall on Triq is-Sur
- Vittoriosa, Restoration of the Upper Part of Notre Dame Gate
- Mdina, Restoration of Gharreqien wall
- Jesuit Church, Valletta - Interior of Sacristy and Oratories
- Jesuit Church, Valletta - electrical and mechanical works in the Sacristy and the Oratories;
- Valletta, Embellishment works at St. Christopher Str c/w Mediterranean Str Valletta
- Vittoriosa, Restoration of the Façade at auberge d'Anglaterre

**1.b Local Funds – third party funding allocations**

- MICAS Floriana - Ground Works and Construction Works at the parking and approach area (Phase 4)
- MICAS Floriana – Finishing (embellishment and landscaping) works at the parking and approach area (Phase 4)
- Valletta, VDC, Refurbishment of Offices for VCA at 74, Melita Street Valletta, Tender for the restoration of the facades

**1.c ERDF Funds**

- Notarial Archives, Valletta - internal alterations and refurbishment.
- MICAS Galleries, Floriana - Excavation to finishes

**2. RESTORATION WORKS BY DIRECT LABOUR**

- Victoria Lines
- Qrendi – Tal-Hniena Sanctuary
- Wardija Tower, Zurrieq
- Oratorju Santissimu Kurcifiss, Valletta
- Maria Regina Parish Church, Marsa
- Kirkop Historic Arch
- Floriana – St. Publius Statue
- Valletta – Lion's Column
- Lija – Chapel of Our Lady
- Hamrun – Water tower
- Rabat – historic parvis wall
- Various – Fortifications maintenance and emergency interventions on historic structures

**Projects and works currently in hand by Heritage Malta**

- Grandmaster's Palace, Valletta
- Maritime Museum, Birgu
- Inquisitor's Palace, Birgu
- Main Guard, Valletta

Seduta 11
30/05/2022

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI – ENTITAJIET – ORGANIZZAZZJONI TAL-KARNIVAL**

**716. L-ONOR. AMANDA SPITERI GRECH** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jindika x'kien is-sehem tal-entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru tiegħu biex kien possibbli li jerġa' jkun organizzat il-Karnival din is-sena?

23/05/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni tinsab f'din it-tabella t'hawn taħt:

| | |
|---|---|
| Festivals Malta | Festivals Malta huwa l-Organizzatur ewlieni responsabbli sabiex jorganizza l-Karnival ta' Malta, bl-għajnuna tal-Kumitat Tal-Karnival li jinħatar kull sena mill-Ministru, u li jaqa' taħt ir-responsabilta' ta' Festivals Malta. Qabel dik is-sena, l-Karnival ta' Malta kien organizzat mill-Kunsill Malti Għall-Arti.<br><br>Bħas-snin ta' qabel, dak kollu li jkun organizzat b'mod uffiċċjali u li jagħmel parti mill-programm uffiċċjali jkun organizzat u moniterjat mill-Uffiċċjali ta' Festivals Malta. Biex attivita bħal din tkun tista ssir b'success, Festivals Malta jkollha l-koperazzjoni tal-Forzi tal-Ordni, s-CPD, d-Dept. tas-Saħħa Pubblika, l-Cleansing and Maintenance Directorate, l-Għaqda tal-Parteċipanti, l-Valletta Cultural Agency, l-MTA, l-Kunsill Lokali tal-Belt flimkien ma Kunsilli Lokali oħra, Spazju Kreattiv u diversi entitajiet oħra li jikkoperaw bis-sħieħ sabiex attivita daqstant kbira tkun suċċess. |
| Spazju Kreattiv | Spazju Kreattiv provda kmamar biex ikun jistghu ibidlu u jinzammu 'props' u kostumi taz-zeffiena u partecipanti. |
| Valletta Cultural Agency | Il-Valletta Cultural Agency għaddiet Eur10,000 lil Festivals Malta speċifikament għall-Ballu tal-Karnival. |
| Kunsill tal-Ilsien Malti | Il-qarċilla hija tradizzjoni lokali ta' ¿mien il-Karnival li reġgħet magħna fl-aħħar snin. Minn ¿mien il-Kavallieri kienet waħda mill-ftit xogħlijiet letterarji bil-Malti li kienu sabu post ċentrali f'dawn iċ-ċelebrazzjonijiet. Il-Kunsill tal-Malti kien fost l-ewwel entitajiet li fehem l-importanza li nikkuraw dan il-ġeneru letterarju. Tradizzjonalment il-qarċilla kienu jistampawha u, għalhekk, il-Kunsill jidħol għal dan biex inkomplu nsaħħu t-tradizzjoni. |
| Public Broadcasting Services | Il-Public Broadcasting Services iffilmjat u xandret b'mod dirett il-Karnival fuq TVMNews+ nhar is-Sibt 21 ta' Mejju mid-09:30 sa 12:00 u l-Ħadd 22 ta' Mejju mit-15:00 sas-18:45. |
| Teatru Manoel | Teatru Manoel ta' self ta' kostumi lil Festivals Malta sabiex jerġa jiġi organizzat il-Karnival. |

Seduta 11
30/05/2022

**MALTA ENTERPRISE - PROĠETTI**

**717. L-ONOR. AMANDA SPITERI GRECH** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tinforma lil din il-Kamra kemm kienu l-proġetti appoġġjati mill-Malta Enterprise sena b'sena, fl-aħħar tliet snin?

23/05/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li r-risposta tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 11
30/05/2022

**KUNSILLI LOKALI - SEGRETARJI EŻEKUTTIVI U SKRIVANI KLERIKALI NIEQSA**

**726. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx Segretarji Eżekuttivi u skrivani klerikali nieqsa mill-kunsilli lokali? Kif ilhom dawn nieqsa fil-kunsilli ikkonċernati?

23/05/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tlabt biex l-informazzjoni mitluba tinġabar.

Seduta 11
30/05/2022

**SPTAR MOUNT CARMEL – MW2 – XOGĦOL**

**727. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm kienu ntefqu flus biex sar ix-xogħol fis-sala numru 2 tal-irġiel fl-Isptar Mount Carmel (MW2)? Huwa minnu li s-saqaf instab li kien ikkundannat wara li kien sar ix-xogħol u ntefqu l-flus?

23/05/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi bħalissa għaddej xogħol estensiv ta rinovar fl-isptar Monte Karmeli. Fil-fatt diġa gew renovati u infetħu numru ta swali. Ix-xogħol fuq is-sala MW2 għadu għaddej.

Seduta 11
30/05/2022

**PJAN STRATEĠIKU GĦALL-AMBJENT U L-IŻVILUPP**

**728. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid jekk il-Pjan Strateġiku għall-Ambjent u l-Iżvilupp (SPED) ġiex rivedut b'mod speċjali dwar *issues* fuq l-għoli tal-bini f'kull triq fil-gżejjer Maltin?'

23/05/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onorevoli Interpellant sabiex jirreferi l-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 11
30/05/2022

**ART AGRIKOLA FIL-GŻEJJER MALTIN**

**729. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid x'passi se jieħu biex l-art agrikola fil-gżejjer Maltin tingħata protezzjoni speċjali iktar minn dik li tgawdi llum?

23/05/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru li tiegħu jien responsabbli qed iħejji proposta u abbozz legali bil-ħsieb li l-art agrikola tingħata aktar protezzjoni milli tgawdi llum, bil-għan li nsostnu l-attività tal-biedja u s-sigurtà tal-ikel.

Seduta 11

30/05/2022

**INFIQ TA’ FLUS FUQ GAMBLING**

**730. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista’ l-Ministru jindika kemm intefqu flus fil-*gambling* matul is-sena 2020 u s-sena l-oħra?

23/05/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jagħmel il-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 11
30/05/2022

**CPCM – ĦATRA TA’ REĠISTRATUR**

**740. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista’ l-Ministru jindika meta ser jinħatar Reġistratur fi ħdan il-Kunsill tal-Professjonijiet Komplimentari għall-Mediċina (CPCM), post li ilu vakanti sa minn Settembru 2021?

23/05/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li peres li l-kariga ta’ reġistratur ma kinitx imtliet permezz ta’ diversi sejħiet pubbliċi, giemaħtur aġent reġistratur għall-kunsill tal-professjonijiet kumplimentari għall-Mediċina fil-21 ta’ Diċembru 2021. Ninfuramħ ukoll illi ħarġet sejħa oħra fil-Gazzetta tal-Gvern fit-8 ta’ April ta’ din is-sena u li l-intervisti lill-applikanti eliġibbli se jsiru fit-2 ta' Ġunju 2022.

Seduta 11
30/05/2022

**ĦAL SAFI - SKOLA PRIMARJA**

**743. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx pjanijiet li l-Iskola Primarja ta' Ħal Safi tilqa' fiha studenti mill-primarja ta' Ħal Għaxaq mis-sena skolastika li jmiss? Jekk iva, jista' jagħti d-dettalji dwar dan?

24/05/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif mitlub għadu qed jinġabar.

Seduta 11
30/05/2022

**BIRKIRKARA - DAR RESIDENZJALI GĦALL-ANZJANI**

**744. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid f'liema stadju waslu l-pjanijiet biex tinbena Dar Residenzjali għall-Anzjani f'Birkirkara, liema Dar kienet imħabbra f'Mejju tal-2019?

24/05/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari numru 689.

Seduta 11
30/05/2022

**BIRKIRKARA - TRIQ IL-KBIRA - PJANIJIET**

**745. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx pjanijiet sabiex issir mill-ġdid Triq il-Kbira f'Birkirkara?

24/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li it-titjib fl-infrastruttura ta' pajji¿na jinsab fuq quddiem nett tal-ħidma ta' dan il-Gvern. Dan l-impenn qed jitwettaq permezz ta' pjan ta' ħidma b'investiment bla preċedent biex fis-snin li ġejjin inkomplu ntejbu l-kwalità, l-effiċjenza u s-sigurtà tal-infrastruttura tat-toroq fil-pajjiz. Dan il-pjan qed jiġi mwettaq b'mod gradwali, izda mingħajr telf ta' ħin, sabiex nilħqu din il-mira mill-aktar fis.

Bħala parti minn dan il-pjan, Infrastructure Malta qed twettaq ħafna proġetti biex ittejjeb is-sigurezza u s-sostenibilità tas-sistema tat-toroq ewlenin, toħloq infrastruttura ta' kwalità u ambjent aħjar fit-toroq residenzjali f'kull lokalità u tibni mill-ġdid ukoll ħafna toroq sekondarji oħra, fosthom kilometri ta' toroq rurali fil-kampanja. Dan l-investiment diġa qed iħalli l-frott mixtieq, b'għexieren ta' toroq residenzjali mibnija mill-ġdid u b'ħafna proġetti ta' titjib fit-toroq ewlenin tas-sistema tat-trasport bl-art f'pajjizna.

Fl-2021, it-tielet sena tal-programm nazzjonali għat-titjib ta' toroq residenzjali, Infrastructure Malta lestiet il-bini mill-ġdid ta' madwar 220 triq residenzjali oħra. Dan ifisser li għolliet il-medja tat-toroq residenzjali għal erba' toroq fil-ġimgħa – triq aktar kull ġimgħa mis-sena 2020. Kompliet ukoll il-ħidma tagħha fit-toroq rurali fejn tejbet mal-100 triq oħra qalb il-kampanja.

Fi tliet snin kemm ilha mwaqqfa, bejn toroq residenzjali u dawk rurali, Infrastructure Malta bniet mill-ġdid u għamlet titjib f'aktar minn 830 triq. L-aġenzija tejbet il-kwalità ta' dawn it-toroq fl-istess ¿mien li lestiet fost l-ikbar proġetti ta' toroq arterjali u faċilitajiet marittimi f'pajjizna u filwaqt li baqgħet għaddejja bi programm kontinwu ta' tiswijiet u manuntenzjoni f'ħafna toroq oħrajn.

Infrastructure Malta qed taħdem mal-Kunsilli Lokali kollha biex gradwalment tibni mill-ġdid it-toroq kollha li jinsabu fi stat ħazin, u t-triq indikata hija fost it-toroq li se jinbnew mill-ġdid bħala parti minn din il-ħidma mifrux fuq seba' snin. Fl-istess waqt il-Kunsill Lokali għandhom ir-rizoris meħtieġa sabiex ikomplu jagħmlu t-tisiwijiet temporanji u manutenzjoni li kull triq tkun teħtieġ minn zmien għal zmien.

Seduta 11
30/05/2022

**MALTA FILM STUDIO – PRODUCERS MALTIN - RATI**

**746. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jipprovdi r-rati li jiġu ċċarġjati producers Maltin sabiex jagħmlu użu mit-tankijiet tal-ilma fil-Malta Film Studios?

24/05/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-Malta Film Studios jilqa' talbiet minn kwalunkwe produttur - kemm lokali u kemm barrani. Minħabba li kull proġett imressaq lejn il-Malta Film Studios huwa wieħed ta' natura kreattiva jkun jeħtieġ li wieħed jara eżattament liema faċilitajiet, uffiċini, spazji, riżorsi umani u fuq kollox it-tul ta' żmien li huma bżonjużi u adegwati għall-proġett imsemmi. Dan l-eżerċizzju jsir kull darba li ssir rikjesta minn produttur partikolari.

Meta jsir dan l-eżerċizzju, il-Malta Film Studios tissupplixxi rata indikattiva bbażata fuq id-diskussjonijiet li jkunu saru. Ir-rati mogħtija huma ta' natura kummerċjali u għalhekk suġġetti għal tibdil kontinwu minn sena għal oħra, anke minħabba t-tisħiħ fl-infrastruttura li qiegħda ssir.

Produtturi barranin, u issa wkoll anke dawk lokali, huma eliġibbli għal inċentivi fiskali b'saħħithom li toffri l-industrija tal-films f'Malta permezz tal-linji gwida u kriterji aċċessibbli għal dawn l-istess produtturi.

Ta’ min jirrimarka li l-aħħar investiment li sar fil-Malta Film Studios kien madwar 40 sena ilu u propju issa l-Gvern nieda masterplan tal-Malta Film Studios ibbażat fuq investiment ta’ €35 miljun. Waqt il-perjodu tal-pandemija tal-COVID-19, l-industrija tal-films iġġenerat aktar minn mitt miljun fl-ekonomija Maltija.

Seduta 11
30/05/2022

**BIRKIRKARA, ĦAL LIJA, ĦAL BALZAN U L-IKLIN - XOGĦLIJIET - SKEDA**

**747. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista’ l-Ministru jagħti skeda ta’ xogħlijiet ta’ titjib u asfaltar fit-toroq ta’ Birkirkara, Ħal Lija, Ħal Balzan u l-Iklin?

24/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Fil-lokalità ta’ Birkirkara diġà nbew mill-ġdid u saru xogħlijiet fi Triq is-Santwarju, Triq Mike Pulis, Triq il-Ferrovija l-Antika, Triq Tumas Fenech, Triq il-Ħerba, Triq l-Isqof Labini, Triq Anġlu Mallia, Triq Ċensu Costa, Triq Kan. Karmenu Pirotta, Triq Robert Farrugia Randon, Triq Ġorġ Borġ u Triq Sisla, waqt li diġà hemm ippjanati biex fiz-zmien li ġej jibda x-xogħol fi Triq in-Naxxar, Triq Papa Urbanus VIII u Triq Mons Alfred Mifsud.

Fil-lokalità ta’ Ħal Lija diġà nbnew mill-ġdid u saru xogħlijiet fi Triq Ferdinand Grech, Triq Carlo Darmanin, Triq Ugo Mifsud, Triq Annibale Preca u fi triq ġdida fi Triq il-Mosta, bħalissa qegħdin isiru Triq R Barbaro, Triq Ħal Bordi, Triq Cottoner, Triq tal-Mirakli, waqt li diġà hemm ippjanati biex fiz-zmien li ġej jibda x-xogħol fi Triq is-Salvatur u Triq il-Kbira.

Fil-lokalità ta’ Ħal Balzan diġà nbnew mill-ġdid u saru xogħlijiet fi Triq il-Ferrovija l-Antika, Triq it-Tabib J Zammit, Triq Sir Antonio Micallef, Triq il-Qarċilla, Triq l-Għerusija u Triq il-Wied, waqt li diġà hemm ippjanati biex fi¿-¿mien li ġej jibda x-xogħol fi Triq Balaguer u Triq Sigismondo Dimech.

Fil-lokalità tal-Iklin diġà nbnew mill-ġdid u saru xogħlijiet fi Triq il-Prinjol, Triq il-Bruka, Triq Ħwawar u triq bla isem ħdejha, triq oħra bla isem ħdejn Triq Erin Seracino Inglott u Triq il-Wied, waqt li diġà hemm ippjanat biex jibda x-xogħol fi Triq Geromino Abos.

Seduta 11
30/05/2022

**ĦAL BALZAN - TRIQ IL-KANNIZZATA U TRIQ IL-KBIRA - XOGĦLIJIET**

**748. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid x'inhi n-natura tax-xogħlijiet li saru fi Triq il-Kannizzata u Triq il-Kbira Ħal Balzan u r-raġuni għaliex dawn ix-xogħlijiet baqgħu għaddejjin sas-sigħat bikrin ta’ filgħodu? Tista' tgħid jekk il-Kunsill ta’ Ħal Balzan u r-residenti ta’ dawn it-toroq kinux infurmati b’dawn ix-xogħlijiet?

24/05/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħlijiet li saru mill-Enemalta kienu parti mill-programm vast ta’ xogħlijiet li qed isiru f’diversi bnadi tal-pajjiż għat-tisħiħ tas-sistema tad-distribuzzjoni tal-elettriku. Ix-xogħlijiet kienu jinkludu tħaffir ta’ trinek u tqiegħed ta’ cables ġodda. B’dan il-proġett, ir-residenti ser ikollhom stabbiltà fil-provvista tal-elettriku. Wara dawn ix-xogħlijiet kellu isir l-asfaltar tul il-wiesa tat-triq kollha. Biex tagħmel dawn ix-xogħlijiet, l-Enemalta dejjem titlob il-permessi meħtieġa minn Transport Malta. Minħabba li din hija triq traffikuża u hija rotta għal karozzi tal-linja, l-permess ngħata bil-kundizzjoni li x-xogħol isir bejn it-tmienja ta’ filgħaxija u l-ħamsa ta’ filgħodu.

Seduta 11
30/05/2022

**MALTA LIBRARIES - CHIEF OPERATIONS OFFICERS**

**749. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid:
A. Id-data li fiha ħarġet is-sejħa għall-Chief Operations Officer (COO) fl-Aġenzija Malta Libraries;
B. Fejn ġiet ippubblikata;
C. X'rekwiżiti ntalbu fis-sejħa għall-istess COO.;
D. Minn min kien kompost il-bord tal-għażla, u fuq liema kompetenza;
E. Kemm applikaw kandidati;
F. Min kien il-kandidat jew kandidata li ntagħażlet;
G. Xi kwalifiċi għandu jew għandha fix-Xjenzi tal-Libreriji u Arkivji;
H. X'kienu x-xogħlijiet preċendenti tal-kandidat magħżul; u
I. Minn meta beda t-terminu tiegħu/tagħha fil-Malta Libraries?

24/05/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat li il-pożizzjoni ta' Chief Operations Officer (COO) ma' Malta Libraries ġiet mimlija skont id-Direttiva Nru 7 (Delegation of Authority to Recruit in the Public Sector Entities) nhar it-23 ta' Novembru 2020 u dan għal perjodu ta' tliet snin.

Seduta 11
30/05/2022

**GOZO CHANNEL - RABA' VAPUR**

**751. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kemm ser idum barra mis-servizz ir-raba' vapur tal-Gozo Channel? Jista' jgħid għaliex qiegħed barra mis-servizz? Jista' jgħid fejn sar ix-xogħol li kien neċessarju fuq dan il-vapur? Jista' jgħid sa meta huwa l-kuntratt għall-kiri ta' dan ir-raba' vapur?

24/05/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-vapur Nikolaos daħal id-drydocks ta' Chalkida l-Greċja biex isirulu ispezzjonijiet annwali. Il-vapur wasal lura Malta nhar il-Ġimgħa 27 ta' Mejju u beda jopera mill-ġdid dakinhar stess.

Seduta 11
30/05/2022

**IL-BALLUTA - XOGĦLIJIET - SIGURTÀ U SKART**

**752. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 521, li oriġinarjament saret lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali u li issa ġiet riferuta lilu u ċjoè: Fid-dawl tal-periklu reċenti tas-sigurtà fejn struttura kbira ta' scaffolding kważi waqgħet fit-triq u l-bankina fil-Balluta, u fid-dawl tat-tixrid reċenti ta' skart mill-istess proġett li tniġġes il-Bajja tal-Balluta, jista' l-Ministru jispjega:
a. x'miżuri ttieħdu biex tiġi żgurata s-sigurtà tan-nies li jimxu fuq il-bankina u l-karozzi li jgħaddu fit-Triq it-Torri; u
b. x'miżuri ttieħdu biex ma jkunx hemm aktar skart imxerred fil-Bajja tal-Balluta minn dan il-proġett?

24/05/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Infurmat li l-OHSA ħadet passi immedjati biex l-armar inkwestjoni jkun marbut b'mod sigur.
B'referenza għat-tieni mistoqsija dwar kontroll tal-iskart fil-Bajja tal-Balluta, il-kontroll tal-iskart u t-tniġġiżs huwa fir-responsabbilità tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi u għaldaqstant tali mistoqsija għandha tiġi indirizzata lill-Ministeru konċernat.

Seduta 11
30/05/2022

**TAS-SLIEMA - BDIL TA' RAILINGS MAL-PROMENADE BEJN FOND GĦADIR U L-WATERPOLO PITCH**

**753. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid meta se jiġu sostitwiti r-railings tal-promenade f'Tas-Sliema, bejn Fond Għadir u l-Waterpolo Pitch ta' Tas-Sliema, li huma kollha sadid?

24/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li din il-mistoqsija għandha tiġi indirizzata lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 11
30/05/2022

**AĠENZIJA TAL-INFURZAR LOKALI - KUNSILLI LOKALI - GĦAJNUNA**

**754. L-ONOR. NAOMI CACHIA** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jispjega kemm-il Kunsilli Lokali rċieva għajnuna mill-fondi tal-Aġenzija għall-Infurzar Lokali? Jista' jindika x'tip ta' proġetti saru b'din l-għajnuna?

24/05/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat lil-aġenzija sal-lum ikkommettiet ruħa diġà fuq 41 proġett b'valur totali ta' € 2,316,028.56. Dawn il-proġetti jagħmlu parti mill-iskema maħruġa fl-2021, liema skema hija mqassma fuq tliet snin. F'din l-iskema l-aġenzija allokat mhux inqas minn tliet miljun ewro.

Mill-applikazzjonijiet tal-2021, u tal-2022, intgħażlu 38 Kunsill Lokali, 2 Kunsilli reġjonali, kif ukoll l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Il-proġetti jvarjaw, u jinkludu:
- żviluppi ta' spazji pubbliċi miftuħa ġodda,
- titjib ta' spazji pubbliċi miftuħa eżistenti,
- proġetti ta' restawr ta' wirt kulturali u nazzjonali,
- titjib u żvilupp ta' ġonna, playing fields, outdoor gyms,
- żviluppi ta' żoni pedonali,
- pavimentar ta' sqaqien pedonali,
- xiri ta' vetturi elettriċi u scooters għall-użu tal-komunità,
- proġetti ta' sigurtà, u
- proġetti ta' ndafa u ambjent bħal bini ta' bring in sites taħt l-art.

Seduta 11
30/05/2022

**AĠENZIJA GĦALL-VITTMI TAL-KRIMINALITÀ - XOGĦOL**

**755. L-ONOR. NAOMI CACHIA** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jispjega x-xogħol tal-Aġenzija għall-Vittmi tal-Kriminalità? Kemm assistiet persuni fi żmien li ilha taħdem?

24/05/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li l-Aġenzija għall-Vittmi tal-Kriminalità ġiet imwaqqfa permezz tal-A.L. 418/2020 u bdiet topera f'Jannar tal-2021. L-iskop ewlieni tal-Aġenzija hu li taġixxi ta' vuċi għall-vittmi tal-kriminalità, tgħinhom sabiex jegħlbu t-trawma li toriġina minn fastidju kriminali u toffri s-sapport kollu neċessarju sabiex l-istess vittma tikseb lura kwalità ta' ħajja aħjar. L-aġenzija toffri wkoll servizz ta' sapport emozzjonali, informazzjoni u gwida legali lil vittmi tal-kriminalità. Dan is-servizz huwa b'xejn u jingħata b'mod kunfidenzjali.

Din l-aġenzija tħaddan fiha membri mill-Korp tal-Pulizija mill-unità tas-support lill-vittmi, membri mid-dipartiment tal-probation & parole, professjonisti oħra fil-qasam tal-psikosoċjal u dawk legali, kif ukoll uffiċċjali pubbliċi fl-amministrazzjoni.
Dan l-aħħar, l-istess aġenzija estendiet is-servizz tagħha permezz tal-ftuħ ta' ċentru reġjonali f'Għawdex u ieħor ġewwa l-lokalità ta' Santa Luċija.. Permezz tal-ftehim li ntlaħaq ma' dawn l-organizazzjoni, l-aġenzija għandha ukoll l-possibilità li tagħmel skambju ta' tagħlim u taħriġ sabiex issaħħaħ l-għarfien fuq is-suġġett.
Sa mill-ftuħ tagħha, l-Aġenzija assistit 'il fuq minn elf u sitt mitt (1600) vittma tal-kriminalità.

Seduta 11
30/05/2022

**PULIZIJA TAL-KOMUNITÀ**

**756. L-ONOR. NAOMI CACHIA** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jispjega kemm hemm pulizija jaħdmu fit-timijiet tal-pulizija tal-komunità? Kemm hemm lokalitajiet li huma koperti u jekk hemmx pjan li jiżdiedu iktar lokalitajiet?

24/05/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi bħalissa hemm tnejn u tmenin uffiċjal tal-Pulizija li jaħdmu fit-taqsima tal-Komunità. Sal-lum il-lokalitajiet koperti huma l-erbatax (14)-il lokalita kollha ġewwa Għawdex u sebgħa u għoxrin (27) lokalita f'Malta. Hu previst illi sal-aħħar tas-sena, sbatax (17) il-lokalità oħra jkunu koperti.

Seduta 11
30/05/2022

**KORP TAL-PULIZIJA - KAŻIJIET TA' VJOLENZA DOMESTIKA**

**757. L-ONOR. NAOMI CACHIA** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm assistiet persuni t-Taqsima tal-Korp tal-Pulizija maħsuba biex taħdem fuq każi ta' vjolenza domestika?

24/05/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Jekk l-Onor. Interpellant qed tirreferi għall-persuni li ġew assistiti mit-taqsima ta' kontra r-reati ta' vjolenza domestika fi ħdan il-Korp matul din is-sena u mhux ħaġa iktar ħolistika, infurmat li bejn Jannar 2022 u l-25 ta' Mejju 2022 it-taqsima rċiviet sitt mija u dsatax-il rapport (619).

Seduta 11
30/05/2022

**DIPARTIMENT TAL-PROTEZZJONI ĊIVILI - XIRI TA' VETTURI ĠODDA**

**758. L-ONOR. NAOMI CACHIA** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm sar investiment fid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili fl-aħħar tliet snin, b'mod partikolari f'dak li hu xiri ta' vetturi ġodda li mhux biss joffru iktar sigurtà għas-soċjetà, iżda wkoll għodda aħjar għall-ħaddiema?

24/05/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi r-risposta għal mistoqsija parlamentari numru PQ758 hija li f'dan l-aħħar tliet snin sar dan l-investiment kif riprodotta fit-tabella hawn taħt:

| **Sena** | **Vettura** | **Numru Mixtri** |
|---|---|---|
| 2022 | Grass Fire | 2 |
| 2022 | Heavy Rescue | 1 |
| 2022 | Hydraulic Platform 70m | 1 |
| 2022 | Road Rescue Vehicle | 4 |

| | | |
|---|---|---|
| 2022 | Mini Bus | 2 |
| 2022 | Fast Hazmat Response | 1 |
| 2022 | Rhib 2.5 | 1 |
| 2021 | Domestic Fire Engines | 2 |
| 2021 | Lighting Unit | 1 |
| 2021 | Industrial Fire Engine | 1 |
| 2021 | Hybrid SUV | 3 |
| 2021 | Light Fire Engines | 5 |
| 2020 | Rotating Telehandlers | 2 |
| 2020 | Pickups | 2 |
| 2020 | RHIB 10.5m | 1 |
| 2020 | Industrial Water Carriers | 6 |
| 2019 | Turn Table Ladder 32m | 1 |
| 2019 | Divers Van | 2 |
| 2019 | Van | 2 |
| 2019 | Drone Technical Van | 1 |
| 2019 | Hi-Up 28T | 1 |
| 2019 | Hi-Up 15T | 1 |
| 2019 | Flatbed Cargo Box | 1 |
| 2019 | Fork Lifter | 2 |
| 2019 | Hazmat Equipment | 1 |

It-Total ta' dan l-investiment f'dawn il-vetturi huwa €11,650,150.53 u din il-figura ma tinkludix VAT jew taxxi addizzjonali oħra

Seduta 11
30/05/2022

**LOGĦOB TAL-PAJJIŻI Ż-ŻGĦAR 2023 - INVESTIMENT FL-INFRASTRUTTURA**

**759. L-ONOR. NAOMI CACHIA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' x'inhu l-investiment fl-infrastruttura għal-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar 2023?

24/05/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-investiment fl-infrastruttura għal-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar 2023 huwa stmat li se jammonta għal madwar €37.34 miljun.
Fost diversi interventi, dan l-investiment kien jinvolvi xogħol ta' rinnovazzjoni ġewwa l-kumpless Sportiv tal-Kottonera li jinkludi wkoll l-Indoor Pool bi stima totali ta €17.1 miljun (incl. VAT); xogħol fil-kumpless sportiv tal-Marsa li jinkludi wkoll it-trakka tal-atleti, ċentru ġdid tal-isquash kif ukoll faċiltajiet oħra anċillari bi stima totali ta €17.35 miljun (incl. VAT) kif ukoll ċentru ġdid tat-Tennis ġewwa Pembroke bi stima ta €2.89 miljun (incl. VAT).

Seduta 11
30/05/2022

**INDIRIZZAR TAD-DISSEMINAZZJONI TA' KONTENUT TERRORISTIKU ONLINE**

**774. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid liema hi l-awtorità kompetenti għal finijiet tal-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2021/784 tad-29 ta' April 2021 dwar l-indirizzar tad-disseminazzjoni ta' kontenut terroristiku online?

24/05/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi nbdew il-proċeduri legali neċessarji sabiex jiġi provdut illi l-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali kif ukoll il-Pulizija, jkunu nnominati l-awtoritajiet kompetenti għal finijiet tal-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2021/784 tad-29 ta' April 2021 dwar l-indirizzar tad-disseminazzjoni ta' kontenut terroristiku online.

Seduta 11
30/05/2022

**L.S.35.01 – BDIL**

**775. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 265, li oriġinarjament saret lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru u li issa ġiet riferuta lilu, u jqis li jsir il-bdil leġiżlattiv meħtieġ fir-Regolamenti Dwar id-Drittijiet li Jitħallsu fid-Dipartimenti tal-Gvern L.S. 35.01, fejn f'uħud mid-drittijiet hemm elenkati fattwalment li jrid jinġabru minn awtoritajiet pubbliċi u mhux minn Dipartimenti tal-Gvern, kif ukoll fejn f'xi istanzi d-drittijiet inkwistjoni huma elenkati taħt Ministeri li jew in-nomenklatura tagħhom inbidlet, jew m'għadhomx jeżistu?

24/05/2022

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi attwallment qiegħed isir eżerċizzju ħolistiku rigward emendi neċessarji fil-Liġijiet ta' Malta, u f'dan l-istadju qegħdin jingħataw prominenza liġijiet li t-tbidil tagħhom huwa sostanzjalment sinifikanti aktar mill-materja li dwarha tittratta din il-Liġi Sussidjarja. It-tibdil, kemm-il darba jkun meħtieġ, ta' dina l-liġi sussidjarja, iseħħ fi żmien opportun.

Seduta 11
30/05/2022

**SANTA LUĊIJA – TRIQ INEŻ SOLER – BUS SHELTER**

**776. L-ONOR. GLENN BEDINGFIELD** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Billi tneħħa Bus Shelter li kien iffrekwentat minn għadd ta' residenti fi Triq Ineż Soler, Santa Luċija, jista' l-Ministru jagħti rendikont lil din il-Kamra bir-raġuni l-għala ttieħdet tali deċiżjoni?

24/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li minħabba li nqalbet is-sistema tat-traffiku ġewwa Triq Inez Soler, Santa Luċija, il-bus stop "Tursin" ġie mwaħħal fuq in-naħa opposta tat-triq.

Il-bus shelter li oriġinarjament kien installat fuq dan il-bus stop se jkun qiegħed jiġi installat fil-pożizzjoni l-ġdida aktar 'il quddiem.

Seduta 11
30/05/2022

**SANTA LUĊIJA – TIBDIL F'ĊERTI ROTOT TA' TOROQ**

**777. L-ONOR. GLENN BEDINGFIELD** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Billi nbidlu ċerti rotot ta' toroq f'Santa Luċija, jista' l-Ministru jagħti rendikont tat-tibdil illi sar u x'kienet ir-raġuni l-għala dan it-tibdil kien meħtieġ? Jista' jgħid jekk saritx konsultazzjoni mar-residenti qabel ittieħdu dawn id-deċiżjonijiet?

24/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tibdil propost minn Infrastructure Malta u li kien jifforma parti mix-xogħlijiet li saru fl-underpass ta' Santa Luċija kienu diskussi u approvati mit-Traffic Management Committee fi ħdan l-Awtorità.

Għal din il-laqgħa kienu preżenti uffiċjali minn Infrastructure Malta u l-Kunsill Lokali. Il-proċess ta' konsultazzjoni mar-residenti jsir mill-Kunsill Lokali u mhux mill-Awtorità.

Seduta 11

30/05/2022

**ĦAL BALZAN - TRIQ IL-KANNIZZATA U TRIQ IL-KBIRA - XOGĦLIJIET**

**778. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi n-natura tax-xogħlijiet li saru fi Triq il-Kannizzata u Triq il-Kbira Ħal Balzan u r-raġuni għaliex dawn ix-xogħlijiet baqgħu għaddejjin sas-sigħat bikrin ta' filgħodu? Jista' jgħid jekk il-Kunsill ta' Ħal Balzan u r-residenti ta' dawn it-toroq kinux infurmati b'dawn ix-xogħlijiet?

24/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onorr. Interpellant li din il-mistoqsija għandha tiġi indirizzata lill-Ministeru konċernat.

Seduta 11
30/05/2022

**SPTAR MATER DEI - OUTPATIENTS BLOCK**

**779. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 455, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid meta ser jinfetaħ l-outpatients block ġdid f'Mater Dei?

24/05/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi x-xogħol preparatorju fuq il-proġett massiv tal-*outpatients block* huwa avvanzat tant illi bħalissa qed jigi preparat it-tender document b'diskussjonijiet mad-Dipartiment tal-kuntratti.

Seduta 11
30/05/2022

**TRASFERIMENT TA' INFERMIERA MINN SPTAR MATER DEI GĦAL KURA PRIMARJA**

**780. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 451, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jikkonferma li ma sarux trasferimenti oħrajn ta' infermiera mill-iSptar Mater Dei lejn il-Kura Primarja fis-snin 2021 u 2022 apparti x-xhur ta' Lulju, Settembru u Ottubru 2021 u Jannar 2022?

24/05/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onorevoli Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari numru 451.

Seduta 11
30/05/2022

**INFERMIERA LI RRIŻENJAW**

**781. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza gaħt-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 450, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm irreżenjaw infermiera sena b'sena mill-2017 sal-2022?

24/05/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onorevoli Interpellant għat tweġiba tal-mistoqsija parlamentari numru 450

Seduta 11
30/05/2022

**MALTA BUSINESS REGISTRY – PUBLIC LIMITED COMPANIES LI MA DAĦĦLUX L-AUDITED ACCOUNTS**

**821. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il azzjoni ttieħdet fuq public limited companies li ma daħlux l-audited accounts tagħhom mal-Malta Business Registry kif inhu mitlub mil-liġi? X'kienet din l-azzjoni u jekk twaħħlu multi, ta' kemm kienu għas-snin 2020 u 2021?

24/05/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari numru 158.

Seduta 11
30/05/2022

**REGOLATUR GĦAS-SERVIZZI TAL-ENERĠIJA U L-ILMA – MEMBRI TAL-BORD**

**822. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 308 li l-Ministru wieġbet biex nirreferi għall-mistoqsijiet parlamentari 22505, 22827 u 23696 tat-XIII-il Leġiżlatura li qed tikkwota, tista' għaldaqstant il-Ministru tagħti rendikont tal-proċedura li użat biex ħatret lil kull wieħed u waħda mill-membri tal-Bord tar-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma, u ċjoè skont artiklu 3(6) ta' Kap. 545, x'kienet il-"proċedura indipendenti u imparzjali" li użat biex żgurat li għandhom il-"ħiliet u l-esperjenza meħtieġa", x'kienu l-"kriterji oġġettivi, trasparenti u ppubblikati" li bbażat fuqhom, u fejn u meta kienu pubblikati dawn il-kriterji?

24/05/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-risposta tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 11
30/05/2022

**MINISTRU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U L-INTRAPRIŻA - SEGRETARJAT**

**823. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-lista sħiħa tas-Segretarjat tagħha? Kemm hemm ħaddiema (total) fis-Segretarjat? Tista' tippreżenta l-organigram bl-istruttura tal-istess segretarjat? Tista' tindika wkoll kemm minn dawn il-ħaddiema huma: (a) f'positions of trust; (b) persons of trust; u (ċ) taċ-ċivil?

24/05/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onorevoli Interpellant għat-tweġiba li tajt għall-Mistoqsija Parlamentari 39.

Seduta 11
30/05/2022

**ARBITRU TAS-SERVIZZI SOĊJALI – APPELLI MINN PERSUNI RESIDENTI F'GĦAWDEX**

**824. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid x' qed iżomm milli appelli quddiem l-Arbitru tas-Servizzi Soċjali li jkunu sottomessi minn persuni residenti f'Għawdex ma jinstemgħux f'Għawdex? Jaf li ħafna Għawdxin qed ikollhom jiġu Malta diversi drabi għal dawn l-appelli? Jista' jieħu l-passi biex dawn jibdew jinstemgħu f'Għawdex stess?

24/05/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ġentilment ninforma lill-Onor Interpellant li t-tweġiba ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta 11
30/05/2022

**SAN ĠWANN – BERĠA - FTUĦ**

**825. L-ONOR. ROBERT ARRIGO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jagħti indikazzjoni meta l-Berġa ta' San Ġwann ser terġa' tinfetaħ?

24/05/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li beda program sħiħ ta' rinovar u immodernizzar tal-bereġ sabiex is-servizz ta' kura fil-livell primarju jkun jista' jitressaq eqreb fil-kommunita' kif ukoll jilħaq l-ogħla livelli u standards. Inbidel ukoll il-***modus operandi*** ta' kif jitħaddmu dawn il-kliniċi biex illum saru joffru servizzi multidixxiplinarji. Is-servizzi jinkludu s-servizzi tat-Tabib, il-Klinika mmexxija minn Nurse, il-Fi¿joterapija, il-Podjatrija, it-Teħid tad-demm u s-servizz tal-Patoloġija tal-Lingwa mitkelma.
Bħalissa għaddejjin taħdidiet mal-Kunsill Lokali ta' San Gwann sabiex jinstab post alternattiv biex dawn is-servizzi msemmija hawn fuq ikunu jistgħu jgawdu minnhom ukoll ir-residenti ta' San Gwann

Seduta 11
30/05/2022

**ŻURRIEQ – TRIQ SAN MIKIEL, MISRAĦ IR-REPUBBLIKA, TRIQ IL-KBIRA, TRIQ PIETRU PAWL SAYDON U TRIQ SANTA KATERINA – WATER CATCHMENT U MANAGEMENT**

**860. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jinforma hemmx ħsieb ta' proġett ta' water catchment u management fiż-żoni ta' Triq San Mikiel, Misraħ ir-Repubblika, Triq il-Kbira, Triq Pietru Pawl Saydon u Triq Santa Katerina fiż-Żurrieq? F'każ li iva, jista' jagħti indikazzjoni ta' meta ser jibda dan il-proġett, id-deskrizzjoni tax-xogħlijiet u d-durazzjoni?

25/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li din il-mistoqsija parlamentari għandha tiġi riferuta lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 11
30/05/2022

**BIRŻEBBUĠA – QAJJENZA – PARKEĠĠ**

**861. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Wara numru ta' talbiet li l-Kunsill Lokali Birżebbuġa għamel lill-Ministri kkonċernati fiż-żewġ leġiżlaturi li għaddew, sabiex parti mill-art tal-ex-impjant tal-gass fil-Qajjenza, Birżebbuġa tintuża bħala parkeġġ għall-karozzi fis-sajf u għad-dgħajjes u l-karozzi fix-xitwa, u dawn ġew miċħuda jew ma ġewx imwieġba, tista' l-Ministru tgħid jekk hemmx ħsieb li parti minn din l-art tintuża għal dan l-iskop?

25/05/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Filwaqt li nirreferi lil-Onor Interpellant għat-tweġibiet li kienu ngħataw fit-13 il-Leġislatura għal diversi Mistoqsijiet Parlamentari fuq il-materja, fosthom 872, 888, 5693, 8543 u 11561, ninsab infurmata li sakemm l-Enemalta tieħu deċiżjoni finali dwar din l-art, fil-ġimgħat li ġejjien se tkun qed tagħmel l-arranġamenti meħtieġa biex parti' mill-art tkun tista' tintuża bħala parkeġġ temporanju.

Seduta 11
30/05/2022

**TORRI TA' SAN TUMAS – FILM TOURISM**

**862. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jindika jekk hemmx il-ħsieb li parti mit-Torri ta' Mamo (Torri ta' San Tumas) li ser jiġi miftuħ bħala Mużew tal-Piraterija, tiġi mmirata lil Film Tourism b'temi ta' films maħdumin Malta u bi stands interattivi? Jekk le, hemm xi ħsieb li dan isir f'xi lok ieħor?

25/05/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Kummissjoni tal-Films diġà fil-passat ħadmet fuq inizjattivi ta' Screen Tourism flimkien ma' entitatjiet bħalma huma l-Awtorità tat-Turiżmu kif ukoll Heritage Malta. Bħalissa il-Kummissjoni qiegħda filfatt tfassal strateġija għal Screen Tourism għas-snin li ġejjin f'kollaborazzjoni mal-istess entitajiet.

Ninfurmah li filwaqt li għadhom ma sarux diskussjonijiet speċifikament fuq il-Mużew tal-Piraterija, diskussjonijiet fuq livell wiesa' għadhom għaddejjin biex il-wirt Ċinematografiku jingħaqad aktar mal-wirt Malti.

Seduta 11
30/05/2022

**PORT ĦIELES – PROĠETT TAX-SHORE TO SHIP – XOGĦOL MILL-ENEMALTA**

**863. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: B'referenza għat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 514, jista' l-Ministru jindika x'inhuma x-xogħlijiet li l-Enemalta ser tkun mistennija li tagħmel għall-implimentazzjoni tal-proġett tax-shore to ship fil-Port Ħieles?

25/05/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 11
30/05/2022

**ŻURRIEQ - TRIQ CARMELO CARUANA – ĠNIEN**

**864. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tindika kemm ilu ma jinxtegħel il-ġnien fi Triq Carmelo Caruana ż-Żurrieq u meta hu mistenni li jitlestew it-tiswijiet u/jew ix-xogħlijiet relatati mad-dawl f'dan il-ġnien?

25/05/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-ġnien huwa responsabilita' tal-Kunsill Lokali. Ninsab infurmata li l-Kunsill Lokali qiegħed f'diskussjoni mal-Enemalta biex tingħata provista adegwata u permanenti għal dan il-ġnien.

Seduta 11
30/05/2022

**ĦAL FAR MODEL FLYING ASSOCIATION – UŻU TA' ART FL-INĦAWI TA' WIED ŻNUBER**

**865. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlametnari 511 u jikkonferma jekk kienx hemm jew hemmx ftehim bejn entità jew entitajiet governattivi u/jew aġenzija jew aġenziji tal-gvern u/jew awtorità jew awtoritajiet tal-gvern u l-Ħal Far Model Flying Association dwar l-użu ta' art fl-inħawi ta' Wied Żnuber, f'Ħal Far għall-użu mill-istess Assoċjazzjoni? F'każ li dan il-ftehim sar, għadu fis-seħħ kif kien jew ġie emendat? Tista' titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-aħħar verżjoni ta' dan il-ftehim? Liema kienu s-siti alternattivi li ġew ikkunsidrati għal dan l-iskop qabel sar il-ftehim? In vista tal-wegħda ta' qabel l-elezzjoni li l-ebda żvilupp mhu ser isir fiż-żona

msemmija, hemm il-ħsieb li dan il-ftehim jiġi kkanċellat jew modifikat biex jirrifletti din il-wegħda? Liema huma s-siti alternattivi li qed jiġu kkunsidrati għall-użu ta' Ħal Far Model Flying Association? Liema huma l-partijiet ikkonċernati li qed jiġu kkonsultati?

25/05/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onorevoli interpellant li qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra l-istqarijiet maħruga kemm mil-Gvern kien wkoll mill-Indis.

Seduta 11
30/05/2022

**MARSAXLOKK – TRIQ DELIMARA – XOGĦOL**

**872. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid meta ser titkompla l-parti ta' fuq ta' Triq Delimara, limiti ta' Marsaxlokk li tiġi quddiem it-Tempju ta' Ġuno, minħabba li tinsab fi stat ħażin ħafna?

25/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 536. Ix-xogħlijiet fit-triq indikata se jibdew fil-ġimgħat li ġejjin.

Seduta 11
30/05/2022

**E-SCOOTERS – ĊITAZZJONIJIET**

**873. L-ONOR. REBEKAH CILIA** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jagħti informazzjoni dwar kemm-il ċitazzjoni nħarġet għal *e-scooters* matul din is-sena u fit-tliet snin li għaddew, u jistgħux jiġu indikati separatament?

25/05/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi skont is-sistema elettronika li fiha jiġu rreġistrati ċ-ċitazzjonijiet, in-numru ta' ċitazzjonijiet li nħarġu għal e-scooters mill-pulizija u l-uffiċċjali tal-Agenzija LESA, minn meta bdew joħorġu fis-sena 2020 u sas-27 ta' Mejju ta' din is-sena, huwa kif jidher fit-tabella ta' hawn taħt. L-ammont li hemm ma jippermettix li dawn jiġu indikati separatament. Peress li għadha qed tiġi kkonvertita s-sistema ta' ticketing minn dik manwali għal dik elettronika, jista' jkun illi n-numru ta' ċitazzjonijiet maħruġa mill-pulizija f'dawn l-aħħar ġimgħat, jkunu għadhom mhux inklużi f'dan it-total.

| **Sena** | **Nru ta' kontravenzjonijiet** |
|---|---|
| 2020 | 5 |
| 2021 | 4,702 |
| 2022(sa 27/5) | 118 |
| **Total** | **4,825** |

Seduta 11
30/05/2022

**E-SCOOTERS – MICROMOBILITY REGULATIONS**

**874. L-ONOR. REBEKAH CILIA** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kif qegħdin jiġu nfurzati l-micromobility regulations fil-każijiet ta' *e-scooters* li jkunu pparkjati kontra l-liġi?

25/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li huma l-Pulizija u l-uffiċjali tal-LESA li għandhom il-poteri biex jinfurzaw ir-regolamenti msemmija. L-uffiċjali tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, għalkemm ma għandhomx it-tali poteri, jimmoniteraw u jwissu fuq kull irregolarita' ta' traffiku inkluz fuq parkeġġ illegali tal- E-scooters

Seduta 11
30/05/2022

**IMMIGRANTI IRREGOLARI**

**875. L-ONOR. REBEKAH CILIA** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm waslu immigranti irregolari tul is-sena 2021?

25/05/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi matul l-2021 waslu Malta tmien mija u tnejn u tletin (832) immigrant irregolari bil-baħar.

Seduta 11
30/05/2022

**TFAL TAĦT CARE ORDERS**

**876. L-ONOR. REBEKAH CILIA** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn tfal taħt *care order* illum u x'inhi r-raġuni għalfejn inħarġu dawn il-*care orders*?

25/05/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ġentilment ninforma lill-Onor Interpellanta li t-tweġiba ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta 11
30/05/2022

**PULIZIJA – KAŻI TA' STUPRU FUQ NISA**

**877. L-ONOR. REBEKAH CILIA** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm każi ta' stupru (rape) fuq nisa rrapportati s-sena l-oħra? Jista' jgħid kemm minn dawn il-każi tressqu l-Qorti?

25/05/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi fis-sena 2021 kien hemm disa' u għoxrin (29) rapport ta' ka¿i ta' stupru fuq nisa mal-Pulizija. Min dawn, sebgħa (7) tressqu l-Qorti u sbatax (17)-il każ għadhom qed jiġu investigati. Fil-każi l-oħra ma tressqux persuni l-Qorti għall-raġunijiet diversi.

Seduta 11
30/05/2022

**PULIZIJA - KAŻI TA' STUPRU FUQ NISA**

**878. L-ONOR. REBEKAH CILIA** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm każi ta' stupru (rape) fuq nisa rrapportati s-sena l-oħra? Jista' jgħid kemm minn dawn il-każi tressqu l-Qorti?

25/05/2022

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-ewwel parti tal-mistoqsija għandha tiġi riferuta lill-Ministru kkonċernat. Fir-rigward tat-tieni mistoqsija ninsab infurmat illi fl-2021 tressqu l-Qorti 14-il persuna akkużata bi stupru f'Malta, filwaqt li f'Għawdex tressqet persuna waħda.

Seduta 11
30/05/2022

**ARTIFATT TAL-ISTORJA - PROĊEDURA**

**883. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 680 u jinforma lill-Kamra bil-proċedura li wieħed jista' jsegwi biex ikun jista' jakkwista jew iżomm għandu artifatt tal-istorja?

25/05/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Qed nifhem li, meta l-Onor. Interpellant qed jirreferi għal artifatti tal-istorja, hu qed jirreferi għal oġġett ta' valur tal-patrimonju kulturali. Dan hu regolat bl-Att tal-Patrimonju Kulturali (Kap. 445).

Seduta 11
30/05/2022

**COP 26 - TNAQQIS TA' EMISSJONIJIET TAL-KARBONJU**

**892. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid x'passi effettivament ttieħdu wara COP 26 biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-Karbonju f'pajjiżna?

25/05/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġibiet li kienu ngħataw fit 13 il-Leġislatura għall-Mistoqsijiet Numru 16197 u 22112 dwar l-istess materja. Fl-istess ħin infakkru li bis-saħħa tal-investimenti tal-Gvern f'dan il-qasam illum l-emissjonijiet tal-karbonju f'pajjiżna, ras għal ras, huma l-inqas fl-Unjoni Ewropea, Il-ħidma tal-Gvern f'dan il-qasam ma tieqafx. Illum pajjiżna għandu strateġiji speċifiċi biex jindirizzaw it-tibdil fil-klima u l-emissjonijiet ta' gassijiet serra fosthom il-Low Carbon development Strategy u l-Long Term renovation Strategy. Sadanittant l-implementazzjoni ta' dawn l-istrateġiji ġa għaddejja fuq diversi fronti, inklużi skemi ta sapport għal-karozzi elettrici u PHEVs, xogħol fuq interconnector ieħor ma Sqallija u kif ukoll l-introduzzjoni ta' karozzi tal-linja elettriċi, fost l-oħrajn.

Seduta 11
30/05/2022

**ENTITÀ LI TKEJJEL L-EMISSJONIIET**

**893. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid liema hija l-entità li tkejjel l-emissjonijiet f'pajjiżna u kemm hemm persuni jaħdmu f'din l-entità?

25/05/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onorevoli Interpellant jikkjarifika l-mistoqsija tiegħu u jgħid eżatt għal liema tip ta' emissjonijiet qed jirreferi.

Seduta 11
30/05/2022

**LIVELLI TA' EMISSJONIJIET TAL-KARBONJU**

**894. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid x'kienu l-livelli ta' emissjonijiet ta' karbonju ġewwa pajjiżna fis-snin 2020 u 2021?

25/05/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li fl-2020, l-emissjonijiet ta' dijossidu tal-karbonju(carbon dioxide) għal Malta kien 1597.3 elf tunnellata netti. Għal dak li jirrigwardja l-2021, l-informazzjoni tinġabar u tiġi kkumpilata matul l-2022 u tkun magħluqa fl-2023. Dan il-proċess isir dejjem skont ir-rekwisiti internazzjonali dwar l-inventarji nazzjonali ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra (GHGs)

Seduta 11
30/05/2022

**KAROZZI ELETTRIĊI REĠISTRATI**

**895. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn karozzi elettriċi reġistrati hawn Malta?

25/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lil Onor Interpellant li sa' l-ahhar t'April 2022 kien hawn 2160 karozzi (M1) elettrici registrati f' Malta.

Seduta 11
30/05/2022

**VETTURI REĠISTRATI**

**896. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn vetturi (ta' kull kategorija) reġistrati hawn Malta?

25/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lil-Onor Interpellant li l-ammont ta' vetturi liċenzjati sal-aħħar ta' Marzu 2022 huwa ta 414,669 kif spegat hawn taħt:

| Agrikoli | Coaches u buses privati | Minibuses | Route Buses | Muturi | E-Kick Scooters | Quad Bikes | Karozzi tal-passiġġieri | Kummerċjali | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 2,443 | 342 | 1,554 | 450 | 36,996 | 851 | 1,310 | 313,690 | 57,033 | **414,669** |

Seduta 11
30/05/2022

**VETTURI REĠISTRATI**

**897. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew reġistrati vetturi (ta' kull kategorija) ġodda fis-sena 2020 u fis-sena 2021?

25/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta 11
30/05/2022

**ĊEKKIJIET TAL-GVERN**

**908. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk iċ-ċekkijiet ta' qabel l-Elezzjoni Ġenerali kienx eleġibbli għalihom kulħadd? X'kienu l-kriterji? Jista' jgħid ukoll kemm persuni ma kinux eleġibbli?

25/05/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi ċ-ċekk ta' stimolu ngħata lil persuni li d-dħul tagħhom ma jaqbizx €60,000. Għall-kumplament tal-mistoqsijiet nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi ghat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 323.

Seduta 11
30/05/2022

**TRAFFIC LIGHTS - CAMERAS**

**909. L-ONOR. ROBERT ARRIGO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Peress li hawn ħafna traffic lights, jista' l-Ministru jgħid jekk hux kull traffic light għandha camera fuqha? Jekk iva, kemm hawn madwar Malta u kemm Għawdex? Jekk mhux kullimkien, fejn huma dawn?

25/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanti li mhux kull traffic light għandha camera fuqha. Però f'ċertu postijiet hemm cameras viċin ta' traffic lights għal raġunijiet ta' traffic management

Seduta 11
30/05/2022

**DELIMARA – XIRI TA' UNIT TA' ENERĠIJA**

**910. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tippubblika l-prezz medju li bih inxtara kull unit ta' enerġija minn Delimara 4 (Electrogas), kull unit ta' enerġija minn Delimara 3 (l-impjant tal-BWSC li kien ġie mgħoddi lil Shanghai Electric), u kull unit tal-enerġija mill-Interconnector, f'kull xahar bejn April 2017 u April 2022? Tista' l-Ministru tgħid ukoll kemm-il unit inxtara minn kull wieħed minn dawn is-sorsi f'kull xahar fil-perjodu msemmi?

25/05/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li d-dettal speċifiku tal-informazzjoni li talab jippreġudika l-interess kummerċjali tal-Enemalta.
Tajjeb li ninforma li l-Enemalta tħaddem politika ta' *dispatch optimisation* billi tikkunsidra kemm il-prezzijiet fis-suq, kif ukoll kunsiderazzjonijiet tekniċi u kummerċjali oħra, fuq bażi ta' 24 siegħa kuljum, is-sena kollha.

Seduta 11
30/05/2022

**BORMLA – ĦRUĠ TA' TENDER GĦAL CAR PARK**

**911. L-ONOR. GLENN BEDINGFIELD** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Billi kien hemm il-pjan illi terġa' toħroġ tender għal car park fl-inħawi ta' quddiem l-Iskola Primarja ta' Bormla, u billi wara diversi snin din it-tender għadha ma ħarġitx, jista' l-Ministru jgħid jekk u meta hemm il-ħsieb li toħroġ din it-tender? Fl-eventwalità li kien hemm ripensament u dan il-proġett ġie skartat, jista' l-Ministru jgħid x'wassal għal dan?

25/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba se tingħata seduta oħra.

Seduta 11
30/05/2022

**BORMLA – ĦRUĠ TA' TENDER GĦAL CAR PARK**

**912. L-ONOR. GLENN BEDINGFIELD** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Billi kien hemm il-pjan illi terġa' toħroġ tender għal car park fl-inħawi ta' quddiem l-Iskola Primarja ta' Bormla, u billi wara diversi snin din it-tender għadha ma ħarġitx, jista' l-Ministru jgħid jekk u meta hemm il-ħsieb li toħroġ din it-tender? Fl-eventwalità li kien hemm ripensament u dan il-proġett ġie skartat, jista' l-Ministru jgħid x'wassal għal dan?

25/05/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** L-Informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta 11
30/05/2022

**MINISTERI/ENTITAJIET – DIRECT ORDERS**

**918. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jagħti lista sħiħa tad-direct orders kollha maħruġa minn kull ministeru u kull entità taħt dawn il-ministeri, bejn is-26 ta' Marzu u l-25 ta' Mejju, 2022?

25/05/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Contracting Authority tippubblika din l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kullprocurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Seduta 11
30/05/2022

**ĦAL QORMI – TRIQ L-GĦARGĦAR 1979 – PROĠETT TAL-ĠNIEN**

**919. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 262, li oriġinarjament saret lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali u li issa ġiet riferuta lilu, u jgħid x'qiegħed jikkawża d-dewmien fil-proġett tal-ġnien fi Triq l-Għargħar 1979 f'Ħal Qormi? Jista' jagħti indikazzjoni ta' meta hu mistenni li jitlesta?

25/05/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nitlob lill-Oonor. Interpellant jagħmel din il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 11
30/05/2022

**ĦAL QORMI – TRIQ L-GĦARGĦAR 1979 – PROĠETT TAL-ĠNIEN**

**920. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 262, li oriġinarjament saret lill-Ministru għat-Trasport, l-

Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali u li issa ġiet riferuta lilu, u jgħid x'qiegħed jikkawża d-dewmien fil-proġett tal-ġnien fi Triq l-Għargħar 1979 f'Ħal Qormi? Jista' jagħti indikazzjoni ta' meta hu mistenni li jitlesta?

25/05/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi li r-residenti kienu pprotestaw ma' Wasteserv, fuq kwistjonijiet ta' spazji tal-parkeġġ.

Għaldaqstant saru laqgħat sabiex tinstab soluzzjoni, li tmur lil hinn mill-remit tal-Kunsill Lokali de quo.

Seduta 11
30/05/2022

## ĦAL QORMI – TRIQ L-GĦARGĦAR 1979 – PROĠETT TAL-ĠNIEN - ĦITAN

**921. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 263, li oriġinarjament saret lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali u li issa ġiet riferuta lilu, u jinforma lill-Kamra jekk kienx hemm tibdil fl-għoli tal-ħitan mis-simulazzjoni diġitali li kienet intweriet fit-tnedija tal-proġett tal-ġnien fi Triq l-Għargħar 1979 f'Ħal Qormi?

25/05/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 11
30/05/2022

## ĦAL QORMI – TRIQ L-GĦARGĦAR 1979 – PROĠETT TAL-ĠNIEN - ĦITAN

**922. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 263, li oriġinarjament saret lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali u li issa ġiet riferuta lilu, u jinforma lill-Kamra jekk kienx hemm tibdil fl-għoli tal-ħitan mis-simulazzjoni diġitali li kienet intweriet fit-tnedija tal-proġett tal-ġnien fi Triq l-Għargħar 1979 f'Ħal Qormi?

25/05/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tlabt biex l-informazzjoni mitluba tinġabar.

Seduta 11
30/05/2022

## KUNTRATTI TA' HOUSING TAL-GVERN

**976. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' kemm-il kuntratt ta' housing tal-Gvern sar kull xahar f'din l-aħħar sena minn Mejju 2021 sa Mejju 2022?

26/05/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jispeċifika għal liema kuntratti ta' housing qiegħed jirreferi sabiex tingħata l-informazzjoni koretta.

Seduta 11
30/05/2022

**DEXCOM APP**

**977. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid meta u kif inxtrat is-sistema li ser tintuża minn pazjenti ta' taħt il-21 sena li jbatu mid-Dijabete Type 1, magħrufa bħala Dexcom App? Jista' jelabora fuq liema sistemi ta' telefon ċellulari ser tintuża? Huwa minnu li biex taħdem din il-mobile app, it-telefon ċellular irid ikun partikolari u dawn m'għadhomx jiġu ċċirkolati faċilment u li din l-app ma taħdimx fuq ħafna mill-mudelli tat-telefon ċellular ġodda? Teżisti xi tip ta' 'update' biex tintuża fuq telefons ċellulari ġodda?

26/05/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi l-pazjenti dijabetici tat- tip 1 ta taħt il-21 sena huma kollha intitolati u l-maġġoranza diġa għandhom ***Continuous Glucose Monitor*** .
Il-maġġoranza tat-telephones moderni huma kompatibbli mad- ***dexcom*** **.** Is-sistema ta' ***Continuous Glucose Monitor*** ta' ***Dexcom*** intghazlet wara proċess kompetittiv li huwa parti minn mekkani¿mu ta' innovative procurement.

Seduta 11
30/05/2022

**IR-RABAT - TRIQ TAT-TABIJA - SOLAR CAR CHARGING UNIT**

**978. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tispjega r-raġuni għaliex is-solar car charging unit fi Triq tat-Tabija r-Rabat Malta mhux qed taħdem, wara li ġiet installata inqas minn sena ilu? Huwa minnu li ħafna mix-xhur ma kinetx qiegħda taħdem? Tista' l-Ministru tgħid ukoll kull meta qed isiru testijiet fuqha biex ikun żgur li din qed taħdem?

26/05/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi ċ-charging pillar in kwistjoni mhix waħda minn dawk li kienu installati mill-Ministeru tiegħi iżda mil-Ministeru ta' Trasport.

Seduta 11
30/05/2022

**SPTAR MATER DEI - KAMRA GĦALL-PAZJENTI B'AĠITAZZJONI SEVERA**

**979. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jagħti indikazzjoni ċara ta' meta l-kmamar li jistgħu jinżammu fihom pazjenti b'aġitazzjoni severa fl-Isptar Mater Dei, li kienu ġew maħsuba biex isiru ġewwa d-Dipartiment tal-Emerġenza u ġewwa xi swali oħra, ser isiru ,peress li dan hu urġenti għax l-istess pazjenti aġitati, pazjenti oħra u ħaddiema, qed jitpoġġew f'riskju?

26/05/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li fl-isptar Mater Dei diġa attrezzat b'zewġ kmamar li fihom jin¿ammu pazjenti b'aġitazzjoni severa.

Seduta 11
30/05/2022

**PBS - RAPPORT**

**1013. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Skont it-Terms of Reference tal-Bord Editorjali tal-PBS (para 6d) l-istess Bord irid jippreżenta rapport kull sena, għaldaqstant, jista' l-Ministru jippubblika r-rapporti tal-PBS mill-2016 sal-lum?

26/05/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tlabt biex l-informazzjoni mitluba tinġabar.

Seduta 11
30/05/2022

**EPSO - TQASSIM TA' FLUS**

**1014. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kif tqassmu l-flus li jagħti l-Gvern fuq programmi EPSO (Extended Public Service Obligation) għas-snin 2019, 2020 u 2021?

26/05/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tlabt biex l-informazzjoni mitluba tinġabar.

Seduta 11
30/05/2022

**PBS - BORD TAD-DIRETTURI**

**1015. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid min huma l-membri tal-Bord tad-Diretturi tal-PBS? Meta jagħlaq it-terminu tal-ħatra tagħhom? Kemm hija r-remunerazzjoni tagħhom?

26/05/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-membri attwali tal-Bord offrew ir-riżenja tagħhom u ninsabu fil-proċess li jinħatar Bord ġdid.

Seduta 11
30/05/2022

**MINI TA' GĦAJN DWIELI - XOGĦLIJIET**

**1022. L-ONOR. CHRIS AGIUS** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid meta jaħseb li x-xogħol tal-mini ta' Għajn Dwieli se jitlesta? Jista' jgħid jekk ix-xelters (daħliet) li hemm f'din iż-żona, li fil-passat servew bħala latrini pubbliċi, hux se jintużaw għal xi ħaġa?

26/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-Infrastructure Malta qed tinvesti €2.2 miljun biex tirrestawra l-Mina ta' Għajn Dwieli li nbniet 120 sena ilu, waħda mid-daħliet ewlenin għall-ibliet ta' Bormla, l-Isla u l-Birgu. Din il-mina testendi 110 metri taħt il-Bastjun ta' San Pawl, biex tgħaqqad Triq Għajn Dwieli, f'Raħal Ġdid ma' Triq it-Tlett Ibliet, f'Bormla. Ir-Royal Navy bniet il-mina u t-toroq li jwasslu għaliha fl-1900 meta mmodifikaw is-swar tal-Cottonera Lines f'din iz-zona biex jakkomodaw zewġ baċiri ġodda (Baċir Numru 4 u Baċir Numru 5) għat-tarzna navali fil-viċin.

L-aġenzija qed tirrestawra l-istruttura tal-Mina ta' Għajn Dwieli, iz-zewġ daħliet tagħha, kif ukoll ix-xaft ta' ventilazzjoni kbir li hemm f'nofsha. Ix-xogħlijiet kienu jinkludu t-tindif tal-ħitan u s-saqaf tal-mina min-nugrufun li kien ilu jinġemgħa għexieren ta' snin u t-tikħil tal-ġebel tal-franka b'materjali li jippermettu lill-

ġebla tieħu n-nifs filwaqt li jnaqqsu l-influss tal-ilma li jnixxi b'mod naturali minn ġol-blat li hemm fuq l-istess mina. Qed tiġi mtejba anke s-sistema tal-ispralli u katusi għall-ilqugħ tal-ilma tax-xita.

Ix-xogħlijiet jinkludu ukoll l-installazzjoni ta' sistema adekwata ta' dwal bħal dawk li Infrastructure Malta għamlet fl-erba' strutturi tal-mini prinċipali li għandna fis-sistema tat-toroq arterjali f'pajjizna, f'Ta' Giorni, Tal-Qroqq, Santa Venera u Ħal Kirkop. Fil-Mina ta' Għajn Dwieli se tintroduċi ukoll sistemi ta' sigurezza u għal kontra n-nirien, bħalma huma fire hydrants, dawl li jimmarka d-direzzjoni tal-ħruġ waqt evakwazzjon kif ukoll tagħmir minn fejn iċċempel għall-għajnuna f'ka¿ t'emerġenza. Il-mina se jkollha wkoll cameras ta' sorveljanza ġodda għall-immaniġġjar tat-traffiku u tabelli tat-traffiku elettroniċi.

Infrastructure Malta kkonsultat lis-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali, biex tizgura li l-karatteristiċi storiċi tal-mina u l-istrutturi tas-swar madwarha jiġu mħarsa kif jixraq. Filwaqt li b'konsultazzjoni mal-istess Sovrintendenza uħud mid-daħliet ma ġewx inkluzi f'dan il-proġett, in-niċċa fil-blat li hemm ġewwa l-mina u li r-residenti ta' Bormla kienu juzawha għall-quddies matul it-Tieni Gwerra Dinjija ser titnaddaf u tiġi priservata. Fil-ġimgħat li ġejjin għandhom jitlestew ix-xogħlijiet taħt l-art u l-bankini fil-mina u fit-toroq li jagħtu għaliha sabiex il-kisi bl-asfalt ikun lest sal-aħħar ta' Lulju, biex imbagħad jibdew ix-xogħlijiet finali fosthom id-dwal u installazzjoni ta' sistemi oħrajn. Il-proġett huwa ppjanat li jitlesta sal-aħħar t'Ottubru.

Seduta 11
30/05/2022

**XELTERS LI KIENU JINTUŻAW FIL-GWERRA**

**1023. L-ONOR. CHRIS AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx rekords tax-xelters li kienu jintużaw fil-gwerra u llum jinsabu magħluqa?

26/05/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li s-Sovrintendenza għandha l-pjanti tax-xelters pubbliċi tat-Tieni Gwerra Dinjija ta' Malta.

Riċentament sar eżerċizzju fejn dawn ġew immarkati fuq is-sistema tal-GIS (s'issa għadha interna). Ħafna minn dawn ix-xelters jinsabu f'toroq, b'hekk huma magħluqa. L-unika xelters li kienu mogħtija taħt Att ta' Kurazija, u b'hekk huma operati bħala mużew, huma dawk ta' Couvre Porte fil-Birgu.

Iżda hemm numru ta' xelters oħrajn, speċjalment fil-pjazzez ta' bliet u rħula, li jinfetħu okkażjonalment, waqt festi jew ġranet speċjali, mill-kunsilli lokali jew għaqdiet.

Seduta 11
30/05/2022

**XELTERS LI KIENU JINTUŻAW FIL-GWERRA**

**1024. L-ONOR. CHRIS AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx rekords tax-xelters li kienu jintużaw fil-gwerra u llum jinsabu magħluqa?

26/05/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nitlob lill-Onorevoli interpellant biex jirreferi għat-tweġiba li ngħatat lill-mistoqsija numru 1023.

Seduta 11
30/05/2022

**BORMLA – TRIQ WIĠI ROSATO - XOGĦLIJIET**

**1025. L-ONOR. CHRIS AGIUS** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista’ l-Ministru jgħid jekk hemmx programmat li Triq Wiġi Rosato f’Bormla tinqala' u ssir mill-ġdid b’wiċċ ġdid?

26/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-lokalità ta’ Bormla, Infrastructure Malta diġà bniet mill-ġdid u għamlet xogħlijiet fi Triq Alessandra, Triq San Ġorġ, Triq il-Pellegrinaġġ, Triq l-Iljun, Triq l-Oratorju, Triq il-Polverista, Triq Santa Margerita, Triq il-Gendus u Triq ir-Regatta.

Bħalissa qed issir Triq Santa Margerita u diġà hemm ippjanat biex fiż-żmien li ġej jibda x-xogħol fi Triq San Franġisk u Triq Wiġi Rosato.

Seduta 11
30/05/2022

**BORMLA – TRIQ L-INKURUNAZZJONI – RESTAWR TA’ KNISJA**

**1026. L-ONOR. CHRIS AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista’ l-Ministru jgħid jekk qattx kien hemm pjan li tiġi restawrata u miftuħa għat-turisti knisja mill-eqdem li hemm taħt l-art fi Triq il-Inkurunazzjoni f’Bormla?

26/05/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li l-Kappella tan-Natività li hemm taħt l-art fi Triq l-Inkurunazzjoni f’Bormla hija waħda mill-proġetti fil-pjan tax-xogħolijiet tal-Uffiċju tal-Proġetti ta’ Rijabilitazzjoni fi ħdan id-Direttorat tar-Restawr.

Seduta 11
30/05/2022

**BIRGU - MANUTENZJONI ŻONA SANT’ANĠLU**

**1027. L-ONOR. CHRIS AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista’ l-Ministru jgħid ta’ min hi r-responsabbilità għall-manutenzjoni ta’ bankina u t-triq li mill-Bieb ta’ Sant Anġlu tagħti sal-ponta ta’ Sant’Anġlu u dan peress li hemm telqa kbira f’żona li tiġbed ħafna nies?

26/05/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 11
30/05/2022

**SAJJIEDA MALTIN - ALLOKAZZJONI**

**1036. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid jekk għal din is-sena hemmx xi ammont allokat għas-sajjieda Maltin bħala bycatch? Jekk iva, kemm hu dan l-ammont? Jista' jgħid ukoll kif taħdem din is-sistema u kif tiġi mqassma?

26/05/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li għall-istaġun tat-tonn 2022, ġew allokati seba’ tunnellati u nofs għall-qabdiet inċidentali (bycatch). L-iżbark tal-qabdiet inċidentali tat-tonn huwa

awtorizzat biss għal dawk il-bastimenti li huma awtorizzati biex jaqbdu l-pixxispad fl-2022. Il-bastimenti li ġew awtorizzati biex jaqbdu t-tonn, iżda ttrasferixxew il-kwota tagħhom, mhumiex eliġibbli biex iħottu t-tonn lanqas bħala qabda inċidentali. L-iżbarki kollha tat-tonn jitnaqqsu mill-kwoti assenjati rispettivament għal kull bastiment, filwaqt li l-awtorizzazzjoni tat-tonn tinġabar wara li tkun ġiet eżawrita l-kwota tal-bastiment rispettiv. L-awtorizzazzjonijiet individwali jiġu revokati wkoll ladarba l-bilanċ li jibqa' jkun ta' 20kg jew inqas. Ħatt ta' tonn ieħor wara l-eżawriment tal-kwota assenjata ma jkunx permess, lanqas bħala qabda inċidentali. Id-Dipartiment tas-Sajd u l-Akwakultura jippermetti sa 40 kg 'il fuq mill-kwota assenjata sabiex jippermetti l-użu sħiħ tal-kwota assenjata. Dan huwa permess biss bħala kontinġenza għal kwalunkwe eċċess f'qabda waħda u m'għandux ikun ikkonsidrat bħala żieda obbligatorja għall-kwota individwali. Il-qbid inċidentali għal dawk il-bastimenti li għandhom awtorizzazzjoni tal-pixxispad jew bastimenti li ma ġewx assenjati kwota tat-tonn fl-2022, huwa permess fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:

- 5% tal-qabda totali f'kg ta' ħut speċi ta' tonn immaniġġjat mill-ICCAT li jinħattu l-art. Tonn 1 għal kull 20 ras ta' speci ta' tonn immaniġġjat mill-ICCAT li jinħatt.
- Il-bastiment taħt it-12-il metru jista' jinħatt massimu ta' 2 BFT għal kull bastiment skont il-qabda fl-2022 taħt il-kondizzjonijiet imsemmija hawn fuq.
- Il-bastimenti 'l fuq minn 12-il metru jistgħu iħottu massimu ta' 4 BFT għal kull bastiment fl-2022 taħt il-kondizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Dawn il-kondizzjonijiet huma hekk kif maqbula mal-Koperattivi tas-Sajd.

Seduta 11
30/05/2022

**MARSASKALA - BANKINI BI PROBLEMI TA' AĊĊESSIBILTA'**

**1047. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: B'referenza għall-mistoqsija parlamentari 8740 tal-Leġiżlatura XIII, jista' l-Ministru jgħid kemm baqa' bankini fil-lokalità ta' Marsaskala li għandhom problemi ta' aċċessibilità?

26/05/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi l-mistoqsija parlamentari tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 11
30/05/2022

**MARSASKALA - INĊIDENTI TAT-TRAFFIKU**

**1048. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jindika kemm kien hemm inċidenti tat-traffiku fis-snin 2020 u 2021 f'Marsaskala? F'liema toroq seħħew dawn l-inċidenti?'

26/05/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi n-numru ta' kemm kien hemm inċidenti tat-traffiku fis-snin 2020 u 2021 f'Marsaskala li ġew irrappurtati lill-Pulizija u lil LESA huwa kif jidher fit-tabelli li qed jitpoġġew fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 11
30/05/2022

**KUNSILL LOKALI MARSASKALA - SISTEMA TA' SOFTWARE SPEĊJALIZZAT**

**1049. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għar-risposta ta' mistoqsija parlamentari 21370 tal-Leġiżlatura XIII, jista' l-Ministru jgħid jekk il-Kunsill Lokali ta' Marsaskala daħħalx *software* speċjalizzat dwar l-ilmenti li jressqu r-residenti?

26/05/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li l-Kunsill Lokali ta' Marsaskala għad m'għandux software speċjalizzat fuq l-ilmenti madanakollu hemm l-intendiment li tali software jiddaħħal fl-iqsar żmien possibbli.

Infurmat ukoll illi l-Kunsill Lokali ta' Marsaskala jaċċetta proċessar ta' permessi u servizzi oħra minn fuq l-internet u għalhekk se jara kif jista' jadatta l-istess software għall-ilmenti.

Seduta 11
30/05/2022

**KUNSILL LOKALI MARSASKALA - ILMENTI/SUĠĠERIMENTI MIR-RESIDENTI**

**1050. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jindika n-numru ta' ilmenti u suġġerimenti li rċieva l-Kunsill Lokali ta' Marsaskala matul is-sena l-oħra? Fiex kienu jikkonsistu dawn l-ilmenti u/jew suġġerimenti?

26/05/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li l-Kunsill Lokali ta' Marsaskala jirċievi diversi tipi ta' lmenti imma dawn li se nsemmi huma fost l-aktar komuni:

| **Natura tal-Ilment** | **Ammont approssimattiv ta' Lmenti fil-Ġimgħa** |
|---|---|
| Skart u Ħmieġ | Medja ta' 16il ilment fil-ġimgħa |
| Bulky-Refuse | Medja ta' 16 li ġieli jitilgħu sa 20 ilment f'ġimgħa.<br>(dan minħabba li in-nies għandhom tendenza li joħorġu iżjed skart milli jkunu ddikjaraw fuq it-telefon, b'konsegwenza illi l-kuntrattur ma jiġborx l-iskart li ma jkollux fil-lista) |
| Qtugħ ta' Ħaxix | Madwar 7 ilmenti fil-ġimgħa |
| Reserved Parking Bays | (mhux kwantifikabbli) |

Infurmat wkoll li issa li ġej is-sajf ta' min isemmi li il-Kunsill jirċievi bosta ilmenti ta' natura staġjonali fuq fost oħrajn: żoni tal-għawm, knis ta' bajjiet u turġien li jagħtu għall-bajjiet u kif ukoll is-slielem tal-baħar.

Seduta 11
30/05/2022

**ĦAL TARXIEN – TRIQ SIMMONS**

**1051. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra meta se tkun lesta Triq Simmons, f'Ħal Tarxien u kemm hu kkalkolat li se tiġi tiswa?

26/05/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jindirizza l-mistoqsija tiegħu lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 11
30/05/2022

**ĦAL TARXIEN – TRIQ SANTU WISTIN**

**1052. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra meta se tkun lesta Triq Santu Wistin, f'Ħal Tarxien u kemm hu kkalkolat li se tiġi tiswa?

26/05/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jindirizza l-mistoqsija tiegħu lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 11
30/05/2022